

# ĠIMGHA MQADDSA 2019

FIS-SEDE TAL-GHAQDA KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D.1851


White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com



Groupage & Full load
Movements, Freight
Forwarding, Temperature
Controlled Logistics,
Car Transport Services
& Warehousing.
ATTRANS
International Transport
Offered to and from any
European Destination,
Asia & North Africa.
ATTRANS
attrans.com
DAF
ATTR
OFFICES IN MALTA - ITALY - THE NETHERLANDS - SLOVENIA
Attrans Limited.
Attrans Depot, Mdina Road,
Zebbug ZBG 9018, Malta.
Telephone. (+356) 2258 5500
Email. info@attrans.com
facebook.com/attrans
attrans.com

UNCLE MATT'S

Kitchen



Kazin San Filep 1851
Zebbug
27666555





www.unclemattskitchen.com

uncle matts kitchen

unclemattskitchen

# Napprezzaw il-Ġimgħa Mqaddsa



Dr Philip Sciortino

President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851

Il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa huma importanti għal ħafna Maltin li għadhom iħossuhom marbutin ma dawk it-tradizjonijiet li jqarrbuna lejn it-twemmin u lejn xulxin. Ħafna jgħażlu li jieqfu ftit mhux biss għall-misrieħ iżda ukoll għal ftit ħin ta' riflessjoni. Iż-żjajjar ta' dawn il-wirjiet huwa ritwal fil-kalendarju ta' ħafna Maltin. Id-drawwiet marbutin ma dawn il-jiem huma ħafna u għandom tifsira mhux biss spiritwali iżda wkoll għandhom għeruq antropoloġiċi qawwijja għax juruna fil-beraħ kif il-bnedmin jesprimu dak li jħossu u jemmnu internament f' ritwali u ġesti soċjali li naraw madwarna. Il-parteċipazzjoni ta' tant persuni hu wieħed mill-kontributi li wħud iħossu li għandhom l-obbligu li jagħmlu sena wara l-oħra.

Il-wirjiet huma biss manifestazzjoni waħda minn ħafna oħrajn li nsibu fil-komunitajiet Maltin mxerrdin ma Malta kollha. L-Għaqda Każin Banda San Filep minn żmien twil ilha torganizza attivitajiet ta' din ix-xorta għaliex din hi parti mill-oġġettiv tagħha, dak li tesprimi u ġġedded kollettivament l-identità ta' din il-komunità f'Ħaż-Żebbuġ. It-tħejjia għal dawn il-wirjiet tieħu ħafna ħin u titlob passjoni li ssibha biss fl-oqsma tal-volontarjat. Il-Ġimgħa l-Kbira mhix assoċjata mal-element tal-pika bejn il-każini u qatt ma kienet riżultat ta' rivalità bħall-bqija tal-festi, iżda xorta waħda il-parteċipazzjoni għadha qawwija. Min jinqata għal kollox ikun x'aktarx inqata minn dik l-identità Maltija. Dan mhux ta' min jieħu gost bih għax qatt daqs dawn iż-żminijiet ma jinħass il-ħtieġa li nikkonservaw dak li hu Malti ġewwa pajjiżna.

Għalhekk filwaqt li inħeġġiġkom tgawdu magħna dan l-isforz kollettiv nirringrazzjakom talli ġejtu żżuruna.

**Il-Kumitat tal-Għaqda Każin Banda San Filep**
**jixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd**
**waqt li jħeġġeġ għall-attendenza fil-funzjonijiet reliġjużi fil-knisja.**



Photo: DOI - Jason Caruana

Is-Sindku Sarah Agius,
Flimkien mal-Viċi-Sindku, Kunsilliera u l-Impjegati kollha
Tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ jixtiequ jagħtu
L-isbaħ xewqat lir-residenti kollha ta' Città Rohan
Għall-Għid it-Tajjeb

# Protagonisti fil-ftuħ tal-Wirja tal-2018





Minn Fuq, kif idur l-arloġġ: Elena Gatt, Graziella Attard, Francesco Musù, Mro Michael Ciantar mal-Banda taż-Żgħażagħ, Alexander Cordina u Curtis Casha, Dr Marthese Sciortino u Maria Zerafa jinawguraw il-wirja, Filippa Chetcuti u Dr Philip Sciortino, Philip Balzan u Dun Reno Muscat.





*Ritratti tal-ftuħ tal-wirja tal-2017 jinsabu f'paġna 46.*

# Il-Mixja tar-Randan Imqaddes

**Fr. Philip Cutajar, Kapuċċin - Direttur Spiritwali**



Nhar l-Erbgħa 6 ta' Marzu ilkoll flimkien bħala Knisja tajna bidu għaż-żmien tar-Randan Imqaddes. Dan nagħmlu tajjeb jekk inħarsu lejh bħala mixja li aħna bħala l-Poplu ta' Alla rridu nimxu flimkien. Mixja li twassalna sal-Ħadd, 21 t' April, meta flimkien niċċelebraw il-Festa tal-Għid Il-Kbir. Mixja ta' ħames ġimgħat li jippreparawna sabiex niċċelebraw il-Ġimgħa Mqaddsa li ssib il-milja tagħha fit-Tridu tal-Għid il-Kbir. Anke l-istess **wirja** li l-Każin tal-Banda San Filep ta' kull sena jorganizza fis-sed tiegħu tfakkarna f'dan: il-**mixja** ta' Ġesù lejn il-Kalvarju bil-għan li jwettaq ir-rieda tal-Missier-Alla u jsalvana. Il-mixja ta' Ġesù ssir il-mixja tagħna.

## Nimxu flimkien bħala knisja

Il-Papa Franġisku fid-diskorsi tiegħu jħobb juża ħafna din il-kelma "**mixja**" li magħha hemm marbuta diversi tifsiriet. Lil dan il-Papa jogħġbu ħafna jimxi. Fuq kollox nafu li ħa l-isem ta' qaddis pellegrin, l-isem ta' San Franġisk ta' Assisi, u għalhekk anke hawnhekk irid jixbaħ lil dan il-qaddis billi narawh jimxi qalb in-nies fi Pjazza San Pietru u fid-diversi pjazez oħra fejn imur bħala Pellegrin, akkost ir-riskju li jieħu fuq ħajtu. Dejjem jippreferi li jkun "*bħal ragħaj li jimxi qalb il-merħla...tant li jkollu ir-riħa tan-nagħaġ*".

## Mixja ta' Konverżjoni

"*Li timxi hija arti, l-arti li tgħinek tħares 'l quddiem lejn orizzonti ġodda, arti li tibni fik viżjoni billi filwaqt li tgħarbel fejn wasalt, tħares 'il quddiem lejn fejn trid tasal akkost l-għejja li tista' taħkmek matul il-mixja. Ħafna drabi, il-mixja ssir diffiċli*" insista l-Papa Franġisku maż-żgħażagħ nhar is-7 ta' Ġunju 2013.

Għalkemm ħajjitna kollha hija mixja lejn is-sema pajjiżna, imma aktar w'aktar żmien ir-Randan Imqaddes joffri l-isfida ta' din il-mixja ta' konverżjoni, ta' 'metanoia', ta' penitenza. U hawnhekk proprju l-Papa Franġisku jħeġġiġna u jgħidilna: "*Tibżgħux timxu!*"

## Mixja ta' Ħajja Ġdida

Propju Ġesù hekk kif ħareġ jinawgura l-mixja pubblika tiegħu fostna, ħareġ bl-istedina: "*Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju.*" Il-konverżjoni, li nindmu minn dnubietna huwa proċess fejn nagħtu bidu għall-mixja ta' ħajja ġdida, mixja li biha nerġgħu lura kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell komunitarju lejn l-għeruq ta' l-Evanġelju, lejn Kristu bħala l-Mulej ta' ħajjitna. Din hija l-mixja tar-Randan Imqaddes li lkoll kemm aħna qed niġu mistiedna sabiex inwettqu.

**Nawguralkom Randan qaddis li jdaħħalna f'mixja ta' konverżjoni sħiħa.**

# Programm tal-Ftuħ tal-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep

Jippresiedi l-Arċipriet Dun Daniel Cardona

Bis-sehem tal-Banda Taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep
Taħt id-direzzjoni ta' l-Assistent surmast Mro Michael Ciantar

**L-Erbgħa 10 ta' April 2019**

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv**
- **Il-Banda Taż-Żgħażagħ**
  - Crosset Brook — Rob Grice
  - Żewġ Kanzunetti Folkloristiċi Russi — arr. Ralph Gingery
- **Taħdita: L-Art Imqaddsa** — Pauline Attard
- **Il-Banda Taż-Żgħażagħ**
  - Marċ Funebru: - In Memory of Censu and Concetta Cortis — Michael Ciantar
  - Cinema Paradiso — Ennio Morricone
    Solo Kurunetta: - Francesco Musu
  - Marċ Funebru: - Remembrance — Garofalo
- **Diskorsi tal-Okkażjoni**
  - **Dun Daniel Cardona**, Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ
  - **Dr Philip Sciortino**, President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851
- **Inawgurazzjoni u tberik tal-wirjiet** minn Dun Daniel Cardona

Compere: Maria Zerafa

**Il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni ta' Mro Richard Bugeja takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep nhar il-Ġimgħa 19 ta' April 2019.**

# Xeni bi statwi kbar - wirja fil-Każin Banda San Filep






Ix-Xena spettakulari tal-Kruċifissjoni –
parti mill-wirja fil-Każin Banda San Filep


Tanti Ironmongery
TOOLS - ALL TYPE OF HANDTOOLS - ELECTRAL ITEMS - PLUMBING ITEMS
DRAINAGE PIPE AND FITTINGS - ACORN - STAINLESS STEEL PLUMBING FITTINGS
CEMENTS - GYPSUMS - SPRAYS - SILICONES - AEROSOL - PAINTS - CONCRETE TREATMENTS
TOOLS FOR HIRE
CHASER, SCOURING MACHINE
CONCRETE MIXER, GENERATOR
DRY WALL SANDER, JIGGER
POWER FLOUT
STAINLESS STEEL HARDWARE
SHACKELS, SWIVLES, U CLIPS
RAWLBOLTS, STUDS & WASHERS
CARBINE HOOKS, LEVER VALVES
HOSE CLIPS
Tanti Ironmongery
F.Caruana Dingli Str.,
Zebbug
tel. 21464329
mob. 79464329 / 99452912
e-mail. tantimp@waldonet.net.mt
web. www.tantironmongery.com

# Ħsibijiet għal Żmien ir-Randan . . .

Philip E. Said



Fi żmien ir-Randan inħobb insib qari marbut mal-misteru tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesu Kristu – jekk hux storja jew arkeoloġija, bibliku jew ta' natura argumentattiva – jibqa' jinteressani. Dan għaliex il-qari huwa mezz ta' vjaġġ twil, vjaġġ interjuri li jdaħħlek verament fl-ispirtu liturġiku li nkunu qegħdin infakkru. U s-sena l-oħra ġie f'idejja studju tajjeb ta' Andreas J. Kostenberger, professur tat-Testment il-Ġdid, Southeastern Baptist Theological Seminary, ippubblikat fir-rivista akkademika JETS 48/1, Marzu 2005, 33-62. Kosterberger janalizza il-mistoqsija ta' Pilatu li tiddomina fil-Vanġelu ta' San Ġwann u li jinqara fil-liturġija tal-Ġimgħa l-Kbira, "X'inhi l-Verita?". Filfatt it-titlu sħiħ tal-istudju huwa: ***What is Truth? -- Pilate's Question in the Johannine and Larger Biblical Context***". Is-sors tat-tweġiba tal-awtur hu l-Bibbja, it-Teoloġija u l-Filosofija. Minn dawn it-tliet oqsma tal-għerf, Kostenberger joħloq sintesi sabiħ biex iwassalna għal soluzzjoni possibbli tal-mistoqsija klassika fid-djalogu bejn Kristu u Pilatu waqt il-proċess fil-Pretorju. Dan l-istudju jeħtieġ li jinqara bil-mod, preferibbilment bil-Bibbja maġenbek. Biex nifhem il-ħsibijiet profondi u l-konnessjonijiet bejn it-tliet perspettivi li minnhom jikteb l-awtur, deherli li għandi naqsam il-kitba f'ħames aspetti jew temi, u hekk nipprova nassimila, kemm hu possibbli għalija, l-argument tar-riċerka dwar x'inhi l-verità fil-kuntest bibliku. Il-kitbiet qed jipprovaw jinterpretaw l-ideat ta' Kostenberger. L-ewwel osservazzjonijiet huma dwar:




## X'INHI L-VERITÀ? – OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI

Hu tassew diffiċli taħseb f'mistoqsija aktar profonda minn din, b'implikazzjonijiet serji u importanti. It-tfittxija għall-verità intrigat bis-sħiħ filosfi kbar bħal Platun u teoloġi influenti bħal Santu Wistin ta' Ippona. *"X'inhi l-verità?"* hi wkoll il-mistoqsija li Pilatu staqsa lil Ġesu', skond il-Vanġelu ta' San Ġwann (18:38).[1] B'daqshekk Pilatu jista' jingħadd mal-filosfi jew it-teoloġi l-kbar? Ċertament ħadd qatt mhu se jasal għal konklużjoni bħal din. Il-mistoqsija ta' Pilatu aktar iġġiegħelna nirriflettu u nistaqsu. Hu għalhekk li ġibdet l-attenzjoni ta' kummentaturi matul iż-żmien u għadha tqanqal interess fl-istorja taċ-ċivilta' sal-lum. Is-siwi u l-importanza tagħha mhux daqstant għal min għamilha daqskemm għal min tirreferi u għall-fatt li ġiet minsuġa fil-Vanġelu li jrid juri min hu verament Kristu: 'Il-Veritàfl-essenza tagħha'.



Fir-riflessjonijiet tagħna, irridu qabel xejn naraw il-mistoqsija kif iwassalhielna San Ġwann (18:38) fil-kuntest wiesa' tar-rakkont tal-proċess Ruman ta' Ġesu' (18:28–19:16)[2] u tal-aħħar diskorsi ta' Ġesu' lid-dixxipli meta jaħsel saqajn l-Appostli, iħabbar it-tradiment ta' Ġuda u ċ-ċaħda ta' Pietru, meta jitkellem dwaru bħala t-triq għal għand il-Missier u d-dielja vera, u meta Ġesu' jwiegħed l-Ispirtu s-Santu (ara Ġw. 13–17)[3]. Hu f'dan il-kuntest teoloġiku li nistgħu naslu biex nifhmu d-direzzjoni u s-sens tal-mistoqsija ta' Pilatu, "X'inhi l-verita?"

Il-kunċett tal-verità hu tema komuni fil-filosofija Griega, fil-ħsieb Ruman, u fil-mentalita' Lhudija. It-tliet toroq ta' ħsieb huma wkoll riflessi fil-Bibbja. Għall-Griegi, il-verità-'*aletheia*'- tfisser il-perspettiva eżatta tar-realta' kif inhi, perspettiva ta' dak li jeżisti oġġettivament. Ir-Rumani kienu jitkellmu mill-verità-'*veritas*' bħala r-rappreżentazzjoni reali ta' dak li jiġri fl-esperjenza umana. Il-filosfu Ingliż P.F. Strawson (1959) jinkludi l-verità ma' dawk il-kategoriji u

---

[1] Pilatu qallu, "Il-verita' x'inhi?"

[2] Tista' taqra l-proċess Ruman quddiem Pilatu fejn għandna d-djalogu bejn Ġesu' u Pilatu

[3] Ġesu jaħsel saqajn id-dixxipli, Ġesu jħabbar it-tradiment ta' Ġuda, Il-Kmandament il-Ġdid, It-tħabbira taċ-ċaħda ta' Pietru (Kap 13); Ġesu hu t-triq għal għand il-Missier, Ġesu jwiegħed l-Ispirtu s-Santu (Kap 14); Ġesu hu d-dielja vera, Id-dinja tobgħodkom (Kap 15); Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, In-niket tagħkom għad jitbiddel f'ferħ, Jiena rbaħt id-dinja (Kap 16); It-talba ta' Ġesu għad-dixxipli (Kap 17).

kunċetti li fil-karattru fundamentali tagħhom, ma jinbidlux. Dan ma jfissirx li dak li nifhmu b'veru ma jistax jinbidel fiż-żmien u maż-żmien jew f'kuntest differenti. Ifisser prinċipalment li l-verità bħala kunċett, bħala prinċipju li jmexxi l-eżistenza, kienet teżisti u kienet hemm minn dejjem. Mingħajr it-twemmin f'dan il-prinċipju bażiku hu impossibbli li l-ħajja ikollha sens.

Fil-Bibbja, imbagħad, l-idea u l-prattika ta' verità hi l-fedelta' ta' Alla mal-poplu magħżul Tiegħu. Din il-fedelta' ta' Alla tidher fl-istorja ta' Israel u fin-narrattiva tal-istorja kollha tas-salvazzjoni tal-bniedem. Skont San Ġwann din il-fedelta' ssib l-ogħla espressjoni tagħha fil-ħajja, il-ministeru, u l-mewt mirbuħa minn Ġesu' għall-umanita. (Ġw. 1:14; 14: 6)[4]. F'San Ġwann, l-idea ta' verità tintrabat b'mod intimu ma' Alla u mar-relazzjoni ta' Kristu ma' Alla.

Fil-Vanġelu ta' San Ġwann, għalhekk, il-verità hi, l-ewwel u qabel kollox, prinċipju teoloġiku, anzi, biex wieħed ikun eżatt, hi prinċipju Kristoloġiku. Aktar milli sempliċiment korrispondenza bejn ir-realta' ta' barra u l-perspettiva mentali tagħha bħal fil-ħsieb Grieg jew bħala stat ta' fatt preċiż kif kienu jsostnu r-Rumani, il-verità fil-Vanġelu ta' San Ġwann hi fundamentalment kunċett personali u relazzjonali li għandu l-għeruq u l-oriġni tiegħu f'ħadd aktar minn Alla. Is-salmista jsejjaħ lil Alla bħala "Alla tas-Sewwa" (Salm 31:6)[5], waqt li Isaija jistqarr twemminu f'Alla tal-verità (Is. 65: 16)[6]. San Ġwann jiddikjara li Alla hu verità u li għalhekk il-Kelma Tiegħu hi verità. Ġesu Kristu hu l-Kelma t'Alla, Kelma Personali, il-Verita Personali mibgħuta biex tixhed għall-verità.



Huwa bis-saħħa ta' dawn l-osservazzjonijiet mibnija prinċipalment fuq il-Bibbja li nistgħu niskopru t-triq għall-verità: li ngħarfu 'l Alla permezz ta' Ġesu' Kristu li hu t-Triq, il-Ħajja u l-Verità (Ġw. 8:31, 14-16; 17:3)[7]. Id-deskrizzjonijiet tal-verità mix-xjenzi umani huma biss raġġ dawl  fil-vjaġġ ta' tiftix għall-verità imdawwar

[4] "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mal-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verita'"
[5] "F'idejk jien nerħi ruħi: int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa."
[6] "Min jitbierek fuq l-art, jitbierek b'Alla tal-verita', u b'Alla tal-verita' jaħlef min jaħlef fuq l-art."
[7] "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħrfu l-verita', u l-verita' teħliskom."

bid-dubji. Id-dawl sħiħ tagħha jurihulna Kristu Nnifsu "Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja. Alla ta l-liġi permezz ta' Mose', imma l-grazzja u l-verità seħħu permezz ta' Ġesu' Kristu" (Ġw.1:16-18).

**Referenza għall-kwotazzjonijiet bibliċi:**

1. Pilatu qallu: "Mela int sultan?" U Ġesu' wieġeb: "Qiegħed tgħidu int: jien sultan. Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità  U kull min iħobb il-verità jisma' leħni." Pilatu: "U l-verità x'inhi?"
2. F'dan ir-rakkont tal-proċess Ruman ta' Ġesu' fil-Pretorju, insibu djalogu interessanti bejn Ġesu' (l-interrogat) u Pilatu (il-ġudikant).
3. Ara r-rakkont dwar kif Ġesu' jaħsel saqajn id-dixxipli, Ġesu'jħabbar it-tradiment ta' Ġuda, Il-Kmandament il-Ġdid, It-Tħabbira taċ-ċaħda ta' Pietru (Ġw. 13); Ġesu' hu t-triq għal għand il-Missier, Ġesu' jwiegħed l-Ispirtu s-Santu (Ġw. 14);  Ġesu' hu d-dielja vera, Id-dinja tobgħodkom (Ġw. 15);  Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, In-niket tagħkom għad jitbiddel f'hena, Jiena rbaħt id-dinja (Ġw.16); It-talba ta' Ġesu' għad-dixxipli (Ġw. 17).
4. U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità (Ġw. 1:14). Wieġeb Ġesu': Jiena t-Triq, il-Veritàu l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi . . ." (Ġw. 14:6).
5. F'idejk jien nerħi ruħi;  Int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa.
6. Min jitbierek fuq l-art, jitbierek b'Alla tal-verità, u b'Alla tal-verità jaħlef min jaħlef fuq l-art.
7. Ġesu' qal lil Lhud li emmnu fih:  "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħrfu l-verità, u l-verità teħliskom." (Ġw. 8:31);  Din hi l-ħajja ta' dejjem: li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru. (Ġw. 17:3); Kap 14-16 jagħtuna Kristoloġija fil-Vanġelu ta' San Ġwann.





BOV PERSONAL LOANS

THE CHOICE
**IS ALWAYS YOURS**

Whatever you choose you can bring your decision to life with a Bank of Valletta Personal Loan.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020.**

BOV
Bank of Valletta

# F’idejk Jien Nerħi Ruħi

Joseph Bonnici

Hawn ninsab mislub bla ħtija
mifni, ġejja mewt għalija,
bin-nifs niġġieled għalih;
biex ġismi mitluq tħallih.
... F’idejk jien nerħi ruħi.

Missier wasalt bl-ajjut tiegħek
li għal triqti ġarrejt miegħek,
biex tmexxini sa hawn fuq
fejn ruħi sabet it-tluq.
... F’idejk jien nerħi ruħi.

Hawn fuq minn kollox imneżża,
sa l-aħħar mument imbeżża,
b’dak li sarli minn niesi
għalkemm qatt ma qist qiesi.
... F’idejk jien nerħi ruħi.

Ukoll l-għażla waslitni s’hawn,
meta bejniethom ftehmu dawn,
fi proċess li m’għamilx sens
biex joqtlu feddej tal-ġens.
... F’idejk jien nerħi ruħi.

B’dal mod stajt neħles lill-bniedem
biex maħsul b’demm ikun niedem,
kelli bżonn nasal s’hawnhekk
biex il-ħelsien nagħti b’hekk.
... F’idejk jien nerħi ruħi.

Iżda hawn fuq sibt il-mistrieħ
mit-tbatija kiefra qatigħ,
bil-Missier isabbarni
u bil-gieħ ikabbarni.
... F’idejk issa tlaqt ruħi.



Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2744 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop)**
**Mob: 9994 3394, 7744 0373**

The Meat Shop

*Fresh & Top Quality Meat & Poultry Daily*

**Keith Farrugia**

The Meat Shop, Paris Street, Żebbuġ
Contact Numbers: 21463066 / 79065881

**OPENING HOURS**
**Monday to Friday: 7.30am - 18.30pm**
**Saturday: 7.30am - 13.00pm**

# Nhar il-Ġimgħa l-Kbira



sunett ta’ Charles Coleiro

Għaddejja l-ġilwa mat-triqat b’ miġemgħa
ta’ nies ma taqta’ xejn jarawha ġejja
isserrep qalb id-dlam, bid-dawl tax-xema’
iteptep fuq l-uċuħ, tnejn tnejn għaddejja.

U t-tfal ċkejknin ġejjin ikarkru fiha
b’serbut ta’ lwien u slaleb kull fejn tara,
fin-nofs mexjin bil-mod xi sitt reffiegħa
jitbandlu ma’ xulxin qed jerfgħu vara.

Għaddejja n-nies u l-wegħdi ta’ min ġarrab,
mewġiet t’uċuh sfajrin jittallbu l-ħniena,
ulied mal-ommijiet u Kristu msallab
ifakkar l-egħżeż ġrajja ta’ kif fdiena.

Dawn sigħat sbieħ li juru lill-Maltin
li għadhom jgħożżu u jħobbu dat-twemmin.



St. Philip's

Sciortino Street, Ħaż-Żebbuġ

**Delivery Locations:** Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, H'Attard and Siġġiewi

21462107
21466472

www.stphilipspizzeriacafe.com

Facebook

**ZEBBUG STATIONERS & NEWSAGENTS**

**FOR**

**STATIONERY, TOYS, GIFTS & MORE**

**SCIORTINO STREET, ZEBBUG.**

**21466076 - 21462545**



# Is-Sepulkru tal-Katidral

Peter Paul Ciantar

Mingħajr dubju ta' xejn, Malta u Għawdex jixegħlu bi spettaklu ta' devozzjoni fit-toroq tagħna u ħdejn il-knejjes nhar Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira. Dan l-aktar li jidher fil-parroċċi l-antiki, iżjed u iżjed f'dawk il-parroċċi li minnhom joħorġu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira.



*Is-Sepulkru tal-Katidral tal-Imdina*

Din id-drawwa ta' Ħamis ix-Xirka, b'folol kbar ta' nies jinvistaw is-sepulkri u fit-toroq jgħidu r-rużarju u jimmeditaw dwar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu għadha ħajja, għalkemm naqset xi ftit.

Iċ-ċentru ta' dawn il-Visti tas-Seba' Knejjes (kif inhuma magħrufa) huwa l-Altar tar-Repożizzjoni. Ħafna (fl-imgħoddi aktar) isejħu l-Altar tar-Repożizzjoni bħala s-Sepulkru. Is-Sepulkru jkun iċ-ċentru ta' qima nhar Ħamis ix-Xirka u nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu.

Issa hawn insemmi Altar tar-Repożizzjoni famuż ħafna ... qed nirreferi għal dak li jintrama kull sena fil-Katidral tal-Imdina. L-isbaħ dehra tiegħu hija nhar Ħamis ix-Xirka billejl. Dan jinxtegħel wara li tispiċċa l-funzjoni tal-Katidral. Nies minn kull rokna ta' Malta tiġi biex tara u tinvista dan is-Sepulkru tassew artistiku u antik ħafna.

Dan is-Sepulkru sar fis-seklu tmintax u huwa mfassal b'arkitettura Barokka mill-isbaħ. Id-disinn oriġinali sar fl-1750 minn Pietro Paolo Troisi ... iżda ma laħaqx twettaq ix-xogħol għax Troisi miet ftit wara. L-inkarigu ħadu l-pittur Franġisku Zahra fuq id-disinn oriġinali ta' Troisi, iżda Zahra għamel il-pittura u x-xenografija li fih dan is-Sepulkru mill-isbaħ.

Hawn insemmi li dan ix-xogħol kollu sar bl-inizjattiva tal-Kapitlu tal-Katidral ta' dawk iż-żminijiet. Ta' min wieħed isemmi wkoll li l-kapsula fejn jitqiegħed is-Sagrament hija xogħol mill-isbaħ tal-fidda. Dan is-Sepulkru tal-Katidral fih aktar majjistrija … fih ix-xogħol mirqum b'sengħa kbira ta' mastrudaxxa li kien l-

imgħallem Giovanni Farrugia, filwaqt li l-istatwi li hemm fih ... statwi tal-kartapesta … huma ta' Saverio Laferla. Hawn wieħed jista' jgħid li ħafna knejjes oħra, fosthom dik ta' Bormla, għamlu sepulkru li jixbah xi ftit lil dak tal-Katidral … dejjem fiċ-ċokon. Sepulkru ieħor li wkoll jixbah xi ftit lil dak tal-Katidral huwa dak tal-Knisja tal-Madonna tal-Għar (il-Knisja San Duminku) fir-Rabat. Dan is-Sepulkru beda jintrama mill-ġdid dan l-aħħar wara waqfa ta' ħafna snin.



*Is-Sepulkru ta' San Pawl, ir-Rabat*

Hawn nixtieq insemmi wkoll altar tar-repożizzjoni ieħor, sabiħ u uniku, dak li kien jintrama fil-Knisja tal-Karmelitani fl-Imdina wkoll. Dan l-altar huwa uniku f'Malta għax id-dehra tiegħu hija waħda Eġizzjana. Dnub li dan l-altar (differenti minn oħrajn) m'għadux jintrama.

Sepulkru ieħor interessanti u uniku huwa dak li kien jintrama fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Illum dan is-Sepulkru qiegħed armat is-sena kollha f'waħda mill-kmamar tal-Mużew Wignacourt li hemm biswit il-Knisja ta' San Pawl.



*Is-Sepulkru ta' Bormla*

Barra t-tiżjin li jkollhom dawn l-altari (gandlieri, xemgħat, anġli jinċensaw u bukketti sbieħ ta' fjuri; kollox madwar il-kapsula jew tabernaklu bis-Sagrament espost għall-qima) ikun hemm ukoll dik li tissejjaħ il-Borma tas-Sepulkru. Minn din il-Borma toħroġ riħa l-aktar tfuħ u din issir minn ħwawar li kienu jpoġġu fiha … kollox itektek bil-mod fuq in-nar u kollox moħbi.

Forsi l-Borma li kienet tfuħ l-aktar kienet tkun dik tas-Sepulkru fil-Knisja San Duminku tal-Belt. Hemm kien hemm ajk li kien famuż biex isajjar din il-Borma. Nittama li r-riċetta tagħha ntirtet għand oħrajn biex din id-drawwa tkompli tfewwaħ dawn id-drawwiet sbieħ marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa.

## Tislima lil Kristu Sidna

Oliver Friġġieri

*Stenniek Adam li fittex 'l Alla fl-Eden.*
*Stenniek bil-qalb muġugħa Ġob, u l-karba*
*Għaddiet minn fomm għal fomm sa Ġeremija.*
*Stennewk profeti li għażilthom Inti*
*Kif frixt fuq fommhom is-sigrieti tiegħek*
*Biex tul is-sekli fetħu dil-mogħdija*
*Minn fejn ridt tgħaddi Int, meta ż-żmien wasal*
*Fil-milja tiegħu. – Għaddi u ibqa' dieħel,*
*Mulej, fit-triq qadima li stennitek!*

*La tinħasadx. Int taf x'se ssib fil-bniedem*
*Li qalbu ssuqu 'l hawn u 'l hinn bla jagħraf*
*Minn fejn se jgħaddi biex jiltaqa' miegħek.*
*In-nies se jistaqsuk mnejn ġejt, min Inti,*
*Min bagħatek biex ġellidt il-lum mal-bieraħ,*
*Sa jemmnu, ma jemmnux, se jiġru miegħek*
*Bil-palm f'idejhom u bl-osanna f'fommhom.*
*Se jitolbuk il-ħobż u int se ttihom*
*Il-kelma li tgħejjixhom , u l-ġuħ tagħhom*
*Se jibqa' jrid il-ħobż għax hekk hu l-bniedem.*

*Se jfittxu fik miraklu, u se jistagħġbu,*
*Imbagħad jinsew u l-għaġeb se jifxilhom.*
*Se jitolbuk ix-xhieda li Int Alla,*
*U se jemmnuk, u se jsejħulek midgħi,*
*U int se tweġibhom bis-slienzju,*
*U s-skiet ikun għalik akkuża ġdida;*
*Tkun ħati li tkellimt, ħati li tiskot.*
*U se jeħduk fi ġnien biex tegħreq demmek,*
*Se tkun mibjugħ bi rħis, u mżeblaħ b'bewsa.*
*Se tfittex kenn fil-ħbieb u m'intx se ssibhom.*

*Il-kotra se tkun taf li int bla ħtija*
*U xorta se tixlik li ksirt il-Liġi,*
*U b'leħen wieħed se tgħajjatlek: Sallbu!*
*U se jtellgħuk sal-Golgotha biex waħdek*
*Iġġorr salib li int għażilt minn jeddek*

*U stajt m'għażiltx qabel ma nżilt hawn isfel.*
*Se tkun miċħud minn sħabek, waħdek taqa'*
*Għal tliet darbiet u tqum sakemm tintelaq*
*Fuq għuda msallba, se jtellgħuk imdendel*
*Tistenna tliet sigħat biex ruħek toħroġ.*

*Se jieħdok l-għatx, u xejn ħlief ħall ma ttiegħem*
*Se tlissen il-kelmiet tal-aħħar waħdek,*
*U l-kotra tidħak bik u tifhmek kontra.*
*Se ssaqsi' l Alla tiegħek għala telqek,*
*U 'l ruħek trodd f'idejh u tniżżel rasek,*
*U tiskot, u s-skiet tiegħek jibqa' dejjem*
*Minn dak inhar, għal elf, u elfejn sena,*
*Int tgħid:Kollox Mitmum! U l-kelma żżommha.*

*In-nies se jistennew li sseħħ il-wegħda*
*Li tajt li tqum mill-qabar, se jitħawdu*
*Sakemm jinqasmu bejn favur u kontra,*
*Għax nar ġejt tixħet fl-art u ridtu jaqbad,*
*Kont qiegħed taħseb f'dan fin-nieqa f'Betlem*
*U rajt quddiem għajnejk x'kellek tistenna.*
*Għażilt kif xtaqt, u stajt għażilt mod ieħor.*
*Din hi t-triq tqila li terraqt f'did-dinja*
*Li int ridt iġġellidha magħha nfisha.*

*Fuq Betlem dehret kewkba u kienet tnixxi*
*Minn kmieni d-demm, u d-demm snin wara ġera*
*Ma' ġismek mifni, u qattar sa fuq l-għolja*
*Li refgħet is-salib, u llum hemm għadu*
*Biex kull min jitla' ħdejk bil-ġrieħi tiegħu*
*Jimtedd hu wkoll ma ġenbek fuq salibu,*
*U minn hemm fuq jistenna l-mewt u l-qawma,*
*Elfejn sen'ilu, illum, u elf sena oħra.*

*Kristu li bdejt tissallab fuq maxtura,*
*Imkeċċi fi twelidek, maħrub, mhedded,*
*Imfaħħar u mibgħud, dal-Milied tiegħek*
*Ma jferraħniex ħlief b'ħafna dmugħ f'għajnejna.*
*Imxejtha waħdek it-triq iebsa kollha*
*U int u tiela' l-Golgota ħsibt f'Betlem,*

*U rġajt ftakart li t-tnejn jixxiebhu f'kollox.*
*Sa llum ukoll, minn hawn, għadek tinstema'*
*Titniegħed f'agunija t'elfejn sena,*
*Ħaj dejjem u bla kliem, dejjem imsallab.*

*Matul is-sekli n-nies jgħaddu minn taħtek*
*Jarawk hemm fuq fis-solitudni tiegħek*
*U kollha jistennewk tlissen kelm'oħra*
*Biex il-Kalvarju t'elfejn sena jgħaddi,*
*U jgħaddi  kull Kalvarju t'elf sen'oħra.*
*Żammejtha biss għalik din it-tmien kelma.*
*Int skitt għal dejjem, iżda s-skiet jitkellem.*

*Ikun dak li trid Int. F'idejk tintreħa*
*Mulej, dir-ruħ, li toħlom biss bit-Tabor,*
*U 'l Betlem taraha mbegħda mill-Kalvarju.*
*Dir-ruħ, Mulej, tistenna li l-imsiemer*
*Jinqalgħu, u s-salib jiżżarma u jasal*
*It-tielet jum tad-dawl li jbiddel kollox.*
*Int tirkeb fuq iż-żmien u s-sekli jgħaddu*
*Minn taħt għajnejk.  Int tibqa' ġdid bħal dejjem.*
*U xorta t-tliet imsiemer hemm ħallejthom,*
*Iqattru d-demm biex din il-fidwa tkompli.*
*Għaliex ma taqlagħhomx wara elfejn sena!*

*Imbierek mela tkun f'din l-għażla tiegħek,*
*Mulej li dħalt fl-Istorja biex biddiltha.*
*Jien għandi l-għatx, u tkun ir-rieda tiegħek.*
*Kollox mitmum, u f'idejk nerħi ruħi.*
*Minn mindu skitt kull kelma tiegħek tidwi*
*Biex tiġbor fiha s-sens li jiġbor kollox,*
*Elfejn sen'ilu, illum, u elf sen'oħra.*




centre point.
STATIONERY
FOR ALL YOUR STATIONERY NEEDS, GREETING CARDS, TOYS & GIFTS FOR ALL OCCASSIONS, PHOTOCOPY, BINDING & LAMINATION SERVICE, BOOK COVERING, INK CARTRIDGES...
VJAL IL-HELSIEN, ŻEBBUĠ
TEL: 2146 1500
Find us on Facebook


Buona Scarpa
Shoes, Bags & luggage
Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug
Find us on Facebook!
21465790


CGSL
COLEIRO GENERAL SALES LTD.
AUTOPARTS. LUBRICANTS. BATTERIES
212, Mdina Road, Żebbuġ
Tel: 21460878 Mob: 99101131

## Ir-ritwal fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira



### Marlene Mifsud Chircop

Parti mill-ispettaklu ritwalistiku marbut mat-twemmin reliġjuż fil-Passjoni ta' Kristu Sidna huma l-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex. Huma element ibbażat fuq sensiela t'attivitajiet fil-kalendarju tal-Knisja, b'ċerimonjal għoli, produzzjoni artistika unifikata u li tgħaqqad poplu sħiħ. Hawn sa nsemmu biss il-purċissjoni, organizzata minn kumitat imwaqqaf apposta mill-Knisja, bl-ispejjeż kollha għaliha. Jintesew ir-rivalitajiet partiġġjani u fil-parti l-kbira l-poplu jipparteċipa bi ħġaru f'din il-prattika reliġjuża. Mhux il-poplu kollu ta' kull lokal fejn issir il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jipparteċipa fil-preparattivi tal-purċissjoni. Madankollu, għall-kredenti, l-emozzjonijiet immedjati li jitqanqlu f'dawk li jaraw il-purċissjoni direttament minn din it-tifkira ta' elfejn sena ilu, permezz tad-drammatiċità tal-istatwarju u tat-teatriċità tal-persunaġġi parteċipanti bis-sinjifikat tagħhom u l-allegoriji fis-simboli bibbliċi, huma profondi. Il-poplu jidentifika ma' ġrajja li turina, fi kliem Victor Turner, il-passaġġ mill-iskarsezza għall-abbundanza (Turner 1969: 168-169).

Min-naħa l-waħda, apparti l-funzjoni tat-tiġdid tat-twemmin fil-valuri Insara, dawn jingħataw tifsira, jerġgħu jqajmu l-emozzjonijiet, jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-għaqda soċjali u jżommu lis-soċjetà Maltija magħquda hu x'inhu l-livell soċjali, huma x'inhuma l-affiljazzjonijiet politiċi tal-parteċipanti. Dawn il-parteċipanti għal ftit sigħat jgħaddu minn rit tal-passaġġ, jinqatgħu mis-soċjetà tagħhom u flimkien ma' oħrajn jidħlu f'oħra liminali t'eluf ta' snin qabel biex jaqdu dmir narċissistiku f'isem Kristu u wara dawn is-sigħat jerġgħu jintegraw fis-soċjetà ta' llum b'valur miżjud, tant li xi wħud jibqgħu jġorru l-isem tal-karattru li jkunu rrappreżentaw bħala laqamhom (Sciortino 2016). Għal ħafna minnhom dan jiġri kull sena, għal għaxriet ta' snin.



Għalhekk, din il-manifestazzjoni kulturali Maltija ta' kull sena ma tgħaddix biss għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna l-valuri morali u soċjali, imma wkoll dawk kulturali. Fost l-oħrajn insemmu l-element tal-fratelli mgħammdin. Dan huwa fdal ta' dawk li kienu jġorru l-ktajjen għall-ewwel li bdew il-purċissjonijiet, imwaħħad mal-figura tar-Rużarjanti (Zammit 2016: 408) li sal-1943, meta saret l-aħħar eżekuzzjoni ta'


PSAILA
MOTORING SCHOOL
25 years of experience -
Get 2 FREE Lessons at the end of the Course
FREE Lesson when bringing a new student
Transport Malta Learner permits cost €23.25 and no other charges
Email: charlie6@maltanet.net
M: 99428257


La Barbon
Caterers for all occasions
285, Bishop Caruana Street, Zebbug
Dolceria
Tel: 21460168
Tel: 21461791
Mob: 79460168
Mob: 99215455


Jeff's
PASTIZZERIA
Prop. Jimmy Pawney
We accept orders for Parties and any Private Function
~ Frozen items also available ~
Sciortino Street, Zebbug, Malta
7944 3568
16" Pizza • 16" Pizza • 16" Pizza

żewġt aħwa kkundannati, kien għadhom jakkumpanjaw l-ikkundannati sal-forka. Dan l-għajb tal-piena kapitali għas-soċjetà Maltija dam sakemm Malta baqgħet kolonja Ingliża, minkejja s-snin ta' protesta kontra l-piena kapitali minn ġuristi, ġurnalisti u kittieba (Cumbo 1927: 735).

Individwalment u kollettivament, il-Ġimgħa l-Kbira terġa' ddaħħal l-ordni f'ħajjitna, waqt li tegħleb il-kaos naturali u soċjali (Turner 1969: 96-97, 102ff). Fil-Ġimgħa l-Kbira m'hemmx wisa' għall-antagoniżmu tal-partiti tal-festa jew tal-partiti politiċi, għaliex l-għaqda fil-*communitas* tgħin lill-individwu parteċipi hux sempliċi spettatur, pellegrin jew attiv fil-preparamenti, fost sħabu l-parteċipanti biex temporanjament jittraxxendi l-irwoli soċjali ġerarkiċi li s-soltu jifirduhom fil-ħajja ta' kuljum (Turner 174: 315-327).



Min-naħa l-oħra, il-purċissjonijiet penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira, bl-apparat kulturalment ikkodifikat (Muraca 2006: 425), jipprovdu opportunità tanġibbli biex tosserva t-tortura u l-mewt mingħajr ma tbatiha fiżikament, anzi tegħlibha bil-possibbiltà tal-interpretazzjoni simbolika. Lombardi-Satriani josserva li din il-parteċipazzjoni teħles lill-bniedem mill-ħajja prekarja u l-ansjetà marbuta magħha, waqt li ddaħħlu fl-istrateġija tat-tama li hi essenzjali biex ikompli jgħix, kif juri l-Qawmien mill-mewt ta' Kristu, passaġġ mill-għali għall-ferħ. M'iniex sa nidħol iżżejjed fl-istorja tal-Ġimgħa l-Kbira f'pajjiżna li kitbu fuqha fost l-oħrajn Ġużè Cassar Pullicino, Joseph F. Grima, C. Galea Scannura, Paul Catania u Brian Bonnici (Kittieba diversi 1992) u lanqas f'dik barra minn Malta, imma sa nisħaq iktar fuq il-mobbiltà kulturali tagħha, il-kompożizzjoni, l-effett ta' tibdil soċjali u demografiku, ir-ritwal trasformattiv u l-eku ta' meta Malta kienet kolonja Ingliża. Forsi dawn huma għalikom modi differenti milli wieħed imdorri bihom ta' kif nistgħu nħarsu lejn il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira.

**Il-mobbiltà kulturali**

Element kulturali jsir mobbli meta l-espressjoni tiegħu tgħaddi għal espressjonijiet oħra artistiċi fiż-żmien u fl-ispazju. Din il-ġrajja fost il-kbar fl-istorja tal-umanità ilha tiġi riprodotta artistikament minn żmien l-affreski Nsara bikrin fil-katakombi. Il-passjoni ta' Kristu kienet u għadha fost l-iktar forom tal-arti kulturalment mobbli, mill-Bibbja għall-arkitettura, l-iskultura, l-arti, l-arti plastika bit-tafal jew bil-kartapesta, il-ġojjelli tad-deheb jew fidda, il-kotba bl-

Patrizio

Haircuts, Hot Shaves
& Beard Trims

GRACE STREET, ZEBBUG
MOB: 79269680



Barber

Paul
Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

THE ROSE SHOP

24 Hours Delivery
Service 7 days a week

New Street, Qormi
Tel: 2148 3341
Ray: 9945 8532
Mike: 9946 6696



illuminazzjonijiet, il-mużika sagra, il-mużika tal-baned, it-teatru, il-paġints fit-toroq u l-pjazez, id-drammi tal-Passjoni li jinvolvu l-arti performattiva (Mifsud Chircop 2007: 4-20), il-letteratura, il-letteratura popolari, il-kotba tat-tfal, iċ-ċinema, il-fotografija, ritratti u kartolini antiki, produzzjonijiet tal-għaqda tad-dilettanti mudelli ta' knejjes, il-wirjiet tal-vari ż-żgħar u DVDs tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira li maż-żmien mill-1973 'l hawn fihom iddaħħlu u ġew tradotti (Greenblatt 2010: 15) flimkien ma' xi tmien mitt karattru ħaj lebsin ta' Rumani u Lhud (Mizzi: 94), elementi tal-memorja kulturali mill-films ta' Hollywood u minn Oberammergau (Grima 2003: 76; 2006: 96), akkulturazzjoni li toħloq meta-narrattiva. Dawn il-purċissjonijiet li ilhom magħna mal-ħames mitt sena jinkorporaw uħud minn dawn il-forom tal-arti li semmejna waqt li jgħaddu l-attwalizzazzjoni tat-tradizzjoni kontinwament. Madankollu, hija primarjament il-pittura tal-Via Sagra (Bonnici 1999: 63-4) li żviluppat fl-arti statika imma drammatika tal-vari l-kbar, huma stess parteċipanti.

Il-mobbiltà kulturali għaddiet ukoll permezz tat-trażmissjoni tal-elementi distintivi tal-vari fil-bliet u l-irħula mill-istatwarji (Bonnici 1999: 40-52), kif ukoll tal-karattri bibbliċi bil-kostumi u tas-simboli. Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira bdew ir-Rabat, Malta (c. 1590), infirxu għall-belt Valletta (1645), fit-Tlett Ibliet (c. 1700 - c. 1714), f'sitt parroċċi oħra (c. 1742 - c. 1820) u fir-Rabat, Għawdex (c. 1830) u wara fis-seba' lokalitajiet l-oħra (1866-1968). Għall-ewwel, il-purċissjonijiet kien ikun fihom ftit vari tal-injam jew tal-kartapesta, xi wħud impurtati, imma l-parti l-kbira magħmula Malta u xi wħud imlibbsin ħwejjeġ ta' drapp fin (Cassar Pullicino 1956: 4-24). Iddaħħlu wara l-Konċilju ta' Trentu biex jiġu evitati l-atturi fil-purċissjoni. Għal kull wieħed minna, skont x'jappella għar-reliġjożità tal-ispettatur jew tal-parteċipant, l-istatwarju tal-Ġimgħa l-Kbira jkollu sinjifikat 'il barra mill-viżiv u fl-istess ħin miegħu, skont il-mobbiltà kulturali tal-element folkloristiku għall-forom varji tal-arti, popolari jew le.



**Il-kompożizzjoni tal-misteri**

Għalkemm il-jum u l-ħin tal-ħruġ tal-vari fil-parti l-kbira sar iktar uniformi matul is-sekli, il-funzjoni annwali żammet ħafna mid-drawwiet antiki tagħha li b'hekk ma ntilfux, filwaqt li ddaħħlu drawwiet oħra (Bonnici 1998: 123-129; 1999: 98-124). Jekk ninkludu l-parata tal-parteċipanti lebsin ta' suldati Rumani li toħroġ fl-

4.30 ta' wara nofsinhar, nistgħu ngħidu li l-purċissjoni ta' Ħaż-Żebbuġ itterraq għal kważi ħames sigħat matul il-qalba tar-raħal. Tidħol lura l-knisja parrokkjali billejl, meta l-għeja fiżika tal-parteċipanti tinħass sewwa, kif ukoll dik emozzjonali tal-pubbliku, għax ikunu qasmu xi ftit mit-tbatija ta' Kristu, iċ-ċentru tal-venerazzjoni tagħhom. Madankollu għadni ma ltqajtx ma' DVD li jirrikordja din l-emozzjoni tal-poplu lejn tmiem il-purċissjoni, billi l-parti l-kbira jittieħdu lejn il-bidu tal-purċissjoni, jew ma jiffokawx biżżejjed fuq l-emozzjonijiet tal-parteċipanti u tal-ispettaturi.

Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex maż-żmien rajt kemm-il





waħda u kemm-il darba. Tinżamm ċerta omoġenjetà, imma ma jonqsux il-varjanti fl-istatwarju u fil-figuri ħajja. Ix-xogħol ta' statwarji magħrufa mxerred ma' Malta u Għawdex matul is-sekli (Cassar Pullicino 1956: 7, 15) bħal ta' Saverio Laferla, Antonio Mifsud "In-Najċi", Pietro Paolo Azzopardi, Wistin Camilleri, Karlu Darmanin (Mangion, Magro 2010: 42-44), Xandru Farrugia, Abram Gatt, Salvu Dimech, Ġlormu Dingli, Camilleri Cauchi (Gauci 2003: 122-165) u oħrajn juru kemm kontinwità kif ukoll varjazzjoni fl-ikonografija.

Kull grupp statwarju/misteri jitmexxa minn konfraternita (Borg 1986: 9: Bonnici 1998: 113). Barra l-istatwi bażiċi – Tal-Ort, Il-Marbut, L-Aċċjomu/Tal-Porpra, Ir-Redentur/L-Imgħobbi, Il-Veronika, Il-Vara l-Kbira, Il-Monument u d-Duluri (Bonnici 1998: 68-111) – maż-żmien f'kull belt u raħal żiedu oħrajn, f'din ix-xena dejjem tevolvi, l-iżjed Ħal Qormi, Iż-Żejtun u Ħaż-Żebbuġ dejjem b'element qawwi teatriku tat-tbatija, akkumpanjat mill-baned idoqqu marċi funebri u l-bnadar jittajru mezz'asta u l-ħoss taċ-ċuqlajta mill-kampnar flok il-qniepen. Dan l-ispirtu tal-*communitas* fit-tbatija (Turner 1974: 319) jżid iqanqal il-kompassjoni tal-pubbliku li jkun ġa ilu jisma' l-marċi funebri fuq ir-radju. Fl-imgħoddi, il-vistu għal din l-okkażjoni tant kien għadu profond sat-tmeninijiet li libsa sewda u ngravata sewda kienu għadhom *de riguer* għall-irġiel filgħaxija fil-Ġimgħa l-Kbira.

Għalkemm Kristu m'għamel l-ebda delitt, naraw parallelliżmu bejn il-Kalvarju tiegħu u dak, minn żmien il-Kavallieri sal-1878, tal-ikkundannati għall-forka (Zammit 2016: 98-111) li kienu jinħarġu mill-bieb tal-ġenb tal-Kistlanija, sewwa

sew mill-istess triq mnejn toħroġ il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt, jiddawru matul it-toroq tal-Belt fost iż-żebliħ tal-poplu miġbur matul it-toroq waqt li tingħata t-tortura retributtiva f'kull salib it-toroq. L-ikkundannati għall-forka kienu jkunu akkumpanjati mir-Rużarjanti mgħammdin sal-post tal-forka barra l-Belt; dan sa żmien mhux tant bogħod minn tagħna, meta l-kastig lill-kriminali ma kienx riabilitattiv imma retributtiv, meta t-tortura ma kinitx biss biex tislet l-ammissjoni tal-ħtija, imma wkoll parti mill-kundanna biex l-ikkundannat ipatti ta' dnubu u biex jittawwal ir-ritwal tal-mewt kemm jista' jkun, l-istess bħal f'pajjiżi oħra (Foucault 3-69). Din kienet il-proċedura regolari minn qabel ġew l-Ingliżi f'Malta sal-1880 meta t-tgħalliq beda jsir fil-ħabs u mhux iżjed quddiem il-folol. Ta' min isemmi li l-ikkundannati, mhux neċessarjament għat-tgħalliq, damu jissawtu barra fit-toroq mill-inqas sal-1829. L-iffrustar u s-swat tneħħew fl-1850 (Zammit 2016: 78). Matul is-snin sar mutament mill-parteċipanti obbligati fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira għall-fratelli mgħammdin bħar-Rużarjanti (Cassar Pullicino 1956: 11: Zammit 2016: 408).



**Bidliet demografiċi, soċjali u kulturali**

Ma nistgħux nitkellmu fuq attività performattiva mingħajr ma nsemmu ċ-ċaqliq fost l-ispettaturi, għax kull rappreżentazzjoni mibnija minn min qed jirrappreżenta (il-Knisja, fil-każ tagħna), x'qed jiġi rrappreżentat (il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira inklużi l-parteċipanti) u min qed jara r-rappreżentazzjoni (l-ispettaturi).

L-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex għadhom impikati biex jipproduċu purċissjonijiet organizzati aħjar minn ta' xulxin kull sena, fost il-kurrenti u s-sottokurrenti fl-organizzazzjoni tagħhom (Mifsud Chircop 2003: 49; Sciortino 2016). Minkejja l-mudelli dejjem jinbidlu tal-ispettaturi u tnaqqis f'ċerti postijiet u f'ċerti snin, il-purċissjonijiet għadhom magħna u jidher li saru kambjamenti għall-aħjar billi f'ċerti nħawi tal-gżejjer Maltin żdiedu l-ispettaturi.

Imħabba ċ-ċokon taż-żewġ gżejjer u t-trasport privat u pubbliku, il-folol jiċċaqalqu malajr u l-familji jew gruppi ta' nies għandhom it-tendenza li jaraw żewġ purċissjonijiet fl-istess serata. Barra minn hekk, mhux in-nies kollha tal-lokal jaraw il-purċissjoni tagħhom kull sena, imma jaraw ta' postijiet oħrajn. Għalhekk ma tistax issir stima eżatta tal-għadd ta' spettaturi minn ċerti punti ta' vantaġġ. It-turisti li jiġu jaraw il-purċissjonijiet mingħajr gwida jintgħażlu malajr min-nies tal-lokal, għadd li jvarja ta' kull sena, u l-għadd ta' dawk li jiġu mal-

gwida jiddependi mil-lokal li jagħżlu l-gwidi. Dawn tal-aħħar normalment ikollhom postijiet fissi riżervati. Ngħidu aħna, tmien mitt post fi gruppi ta' mitejn huma pprovduti biex it-turisti jaraw il-purċissjoni tal-Mosta (Riolo 2014). F'Ħaż-Żebbuġ il-Knisja wkoll tipprovdi l-postijiet għat-turisti u l-każini tal-banda bi ħlas ukoll.



Barra mill-osservazzjonijiet li għamel l-antropologu Jeremy Boissevain fuq ir-raġunijiet soċjali għall-iżviluppi u għaż-żieda fil-parteċipanti (Boissevain 1984: 163; 1991: 92, 94-97), kien hemm ċaqliq fl-għadd tal-ispettaturi matul is-snin, minn żmien l-emigrazzjoni tal-ħamsinijiet u s-sittinijiet tas-seklu l-ieħor. Ukoll imħabba mudelli ġodda fil-ħajja tal-komunità u r-riżultati ta' dan. L-għadd tal-popolazzjoni f'lokal mhix bilfors indikazzjoni ta' kemm nies jaraw il-purċissjoni. Ngħidu aħna:

1. Iż-żieda kbira fl-oqsma tad-djar tal-gvern rat influss ta' nies minn naħat oħra ta' Malta u l-purċissjoni tista' ma tappellax għal nies li jkunu ġew minn postijiet oħra u li ma jkunux imdorrija biha, jew inkella jkunu mixtiqin minnha u jattendu, jew ikunu ġejjin minn lokal li għandu purċissjoni u jmorru jaraw dik tal-lokal il-ġdid tagħhom, inkella tal-lokal mnejn ġew;

2. It-tliet stazzjonijiet televiżivi prinċipali f'Malta ilhom għaxriet ta' snin jittrażmettu direttament xi purċissjoni kull sena għat-telespettaturi li ma jistgħux jattendu l-purċissjoni jew li jevitaw il-folol u dan jista' jikkontribwixxi biex jonqos l-għadd reali ta' spettaturi;

3. Vidjows u DVDs riċenti faċli takkwistahom u tista' toqgħod tarahom fil-kwiet ta' darek, għalkemm f'dawn il-każijiet ma tkunx parteċipi fil-*communitas*, imma fl-istess ħin, f'ħajtek tkun rajt diversi kambjamenti fil-produzzjoni tal-purċissjonijiet;

4. F'dawn l-aħħar tletin sena żviluppa l-fenomenu li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tqatta' tmiem il-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira Għawdex jew barra minn Malta, mhux neċessarjament biex jaraw il-purċissjonijiet ta' barra;

5. Mentri l-purċissjonijet simili fi Spanja u fi Sqallija qed jiġbdu iktar u iktar Maltin.

**Ir-ritwal trasformattiv**

Ir-ritwal f'Malta huwa ispirat mit-twemmin reliġjuż imħallat ma' poteri soprannaturali pożittivi. Barra milli taqdi l-bżonnijiet tas-soċjetà, ir-ritwal tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jinvolvi azzjoni umanament sinjifikattiva. Fuq il-livell individwali, dawk li jipparteċipaw attivament fil-purċissjonijiet, kif ukoll l-ispettaturi passivi jsibu valur miżjud 'il fuq minn forom oħra sekulari ta' ħsieb. Dan permezz ta' enerġiji inviżibbli, setgħa divina li mhix ta' din id-dinja, bħalma jiġri meta titlob grazzja u taqlagħha (Mifsud Chircop 2004), ukoll jekk it-trasformazzjoni ma tkunx fiżika imma interjuri. Minkejja s-sekularizzazzjoni, għadd kbir ta' Maltin tant huma marbuta ma' dan ir-ritwal li jsibuha diffiċli jaċċettaw ċirkostanzi meta jkollhom jitilfu Ġimgħa l-Kbira waħda mingħajr raġuni validissima, ukoll jekk ma tantx is-soltu jkunu entużjasti fit-twemmin reliġjuż tagħhom.



Insibu narrattiva varja tal-kalendarizzazzjoni tat-tpattija għad-dnubiet. Din il-parteċipazzjoni tinvolvi memorja individwali u kollettiva: ngħidu aħna, membri tal-familja li jakkumpanjaw il-parteċipanti fil-ġenb tal-purċissjoni, reffiegħa tal-itqal vari li jgħidu li kuntenti jsofru dak il-ftit iżjed, oħrajn li jħobbu jisimgħu l-marċi funebri tal-baned, jew idoqqu strument mużikali fil-banda ta' quddiem il-Vara l-Kbira u kummenti oħra bħal ta' Aaron Caruana tal-Belt (*Times of Malta* 2014: 7) li ġej minn familja li twassal it-tradizzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira.

Ir-ritwal trasformattiv f'din l-era sekulari tagħna, b'referenza għan-nies, iż-żmien u l-ispazju li huma liminali, jidher fl-anonimità u d-distakk tal-għadd ta' fratelli lebsin il-kunfratija u inkapuċċati, b'żewġ toqob għall-għajnejn, liminari (Turner: 1969, 143) bejn vara u oħra, sew jekk, ħafjin jew le, iġorru l-ktajjen marbuta b'biċċa drapp jew ġilda madwar l-għekiesi, jew jekk ma jġorruhomx imma jġorru salib kbir tal-injam. F'biċċiet mill-purċissjonijiet dawn is-slaleb barra milli jkunu mserrħa fuq l-ispalla tal-fratell ikollhom rota żgħira fit-tarf biex is-salib ma jitgħarraqx, imma b'hekk jonqos is-sagrifiċċju fiżiku. Il-mutament tal-ġarr tal-ktajjen huwa fdal minn żmien il-Kavallieri. Iġorru l-ktajjen, u jsawtu lilhom infushom, dak iż-żmien kien ikun hemm ilsiera, ħabsin u qaddiefa *battuti* jew *buonavoglia* b'obbligu regolari (Cassar Pullicino 1956: 11). Dan inqata' fl-1845 u baqgħet biss il-funzjoni katartika jew sfida fiżika tal-penitenti mgħammdin iġorru l-ktajjen. Il-purċissjoni tal-Mosta għadha magħrufa għall-ġarr tal-ktajjen. Meta

kont żgħira konna mmorru naraw dawn il-fratelli tal-ktajjen jilbsu għall-purċissjoni ’l ġewwa miz-zuntier, wara l-kolonni tal-knisja tal-Mosta u niftakar li fil-parti l-kbira l-fratelli kienu jkunu nies li nafu, ħaddiema tal-ġebel, b’sagrifiċċju jew b’wegħda, billi x-xogħol tagħhom fih ħafna sogru.

Fil-każ tal-purċissjoni ta’ Ħaż-Żebbuġ x’wassal biex lejn l-aħħar tas-seklu l-ieħor inqatgħu l-fratelli jġorru l-ktajjen waqt il-purċissjoni (Kittieba 1992: 94)? Is-sitwazzjoni kienet inbniet mill-element komuni fl-ispettaklu ritwali marbut mat-twemmin reliġjuż li kien ilu hekk iż-żmien u l-ispettaklu teatrali immedjat marbut mas-sens profan li ddaħħal fir-ritwal permezz tal-piki. Li kieku l-arċipriet ta’ dak iż-żmien ma oġġezzjonax, dan l-element profan seta’ dgħajjef din it-tradizzjoni reliġjuża kollha kemm hi. Madankollu ma jistax jintgħad b’ċertezza jekk dawn l-abbużi għadhomx isiru f’lokalitajiet oħra.



Il-ġarr tal-ktajjen, jew toqol ta’ ħadid, ma narawhx biss fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira imma kultant ukoll f’okkażjonijiet oħra storiċi relatati mat-tbatija jew tpattija. Barra s-sinjal ta’ sofferenza bħala tpattija, dan il-ġarr tal-ħadid, mifrux ma’ pajjiżi oħra fil-Mediterran, kien ukoll sinjal ta’ gratitudni għall-grazzji maqlugħa. Insemmu l-wegħda fit-tielet kant ta’ *Il-Ġifen Tork* ta’ Ġananton Vassallo: il-poeta jgħidilna “Ħadid kellhom bil-wisq: is-Sultan bagħat/Lilhom minn fuq ix-xwieni kemm iridu” (v. 7-8), is-simbolu tal-jasar megħlub mit-talb, il-wegħdi u l-penitenza. Fl-1760 l-ilsiera Maltin fuq il-ġifen Tork kien irnexxielhom jegħlbu lit-Torok u wasslu l-ġifen Tork Malta mill-ibħra li kienu jikkontrollaw it-Torok. Żammew il-wegħda lill-Madonna tal-Mellieħa li jmorru l-Mellieħa bil-mixi mgħobbija ktajjen mill-Furjana. Għal din ir-referenza għall-ktajjen, ikompli jgħidilna il-poeta Vassallo li l-patri Rosignoli qal lill-pellegrini li Kristu “ġarrab l-uġigħ Min seta’ xejn ma ġarrab” (v. 26). Fl-istess spirtu ta’ *communitas* nies oħra żdiedu mal-pellegrinaġġ u lill-pellegrini tal-ġifen Tork mat-triq ħarġu jarawhom ħafna nies. Deskrizzjoni simili jagħtihielna l-versifikatur popolari Mikiel Psaila fil-ktejjeb tiegħu tal-letteratura tat-triq *Il-Ġifen Tork jew il-Wegħda għall-Mellieħa.*

L-isfida fiżika fil-Ġimgħa l-Kbira mhix xi ħaġa tal-Maltin biss imma narawha wkoll b’mod eħrex fi tliet irħula tal-Kalabria fejn il-penitenti jqattgħu ġisimhom b’biċċiet ta’ ħġieġ imkisser u jkomplu bl-użanza tagħhom sal-knisja tal-post fejn

ixerrdu qtar minn demmhom, isawtu lilhom infushom u jduru għadd ta' drabi mar-raħal u jżuru knejjes oħra waqt li jserrħu l-pali ta' jdejhom mal-ħitan tat-toroq dojoq biex jimmarkaw mnejn ikunu għaddew, waqt li sħabhom jiddiżinfettawlhom il-feriti bl-inbid (Muraca 2006: 420-425), kollu parti minn dan it-teatru ta' krudeltà.



Ir-ritwal trasformattiv jidher ukoll fil-għadd kull ma jmur jiżdied ta' parteċipanti bejn vara u oħra, b'kostumi tal-Lhud jew tar-Rumani. Konxjament jew le, dawn il-parteċipanti, fuq seba' mija, jittrasformaw ruħhom temporanjament fil-karattru tal-persunaġġ li jirrappreżentaw. Għal dan ma jistax ikollna informazzjoni aqwa mill-intervisti formali jew informali mal-ispettaturi, mal-parteċipanti u mal-organizzaturi taċ-ċelebrazzjonijiet, speċjalment dawk li jkollhom snin ta' esperjenza fit-tmexxija jew fil-parteċipazzjoni tal-purċissjoni.

Fir-riċerka tiegħi ltqajt ma' eżempji varji tar-ritwal trasformattiv b'effett permanenti fuq il-parteċipant. Jista' ma jkollux bażi xjentifika, imma l-importanti x'jemmen il-parteċipant. Wieħed irrakkontahuli Mario Riolo, il-prokuratur tal-purċissjoni tal-Mosta għal ħafna snin, fuq turist li waqt li kien qed jara l-purċissjoni għadda minn trasformazzjoni interjuri u sar Kattoliku, kif turi l-ittra li bagħat lill-arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Joe Carabott. Ieħor irrakkontatu omm li kellha lil binha jsofri minn marda terminali u waqt li ħadet sehem fil-purċissjoni snin ilu ftit passi bogħod minni, għalkemm binha ma fieqx, hi sabet ir-rassenjazzjoni tant mixtieqa. Eżempju ieħor, li għandu biss rabta mal-Ġimgħa l-Kbira, huwa dak li jirrakkuntalna l-antropologu Jon Mitchell li għamel riċerka f'Malta għal xi żmien. Dan ġara f'perjodu qasir ħafna ta' liminalità, dak il-perjodu fejn l-individwu jinsab imdendel, qisu f'ġuf, la 'l hemm u lanqas 'l hawn, esperjenza momentanja, waqt li Mitchell kien ġewwa n-niċċa tal-Kurċifiss mirakoluż fil-knisja ta' Ġieżu, il-Belt, mnejn joħorġu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira (Aquilina 1986; Bonnici 1998: 55-59). Dan il-Kurċifiss inħadem tliet mitt sena ilu minn Fra Umile Pintorno minn Petralia, li xogħlu kien popolari ferm fi Sqallija u l-Kalabria. Mitchell jipprova jispjega s-sensazzjoni f'dak il-waqt ma' Kristu (Mitchell 1997:82). Skont leġġenda r-ras perfetta ta' dan il-Kurċifiss saret mill-anġli.

## Eki tal-kolonja Ingliża



Waqt li nżommu f'moħħna li s-suldati Rumani u ċ-ċenturjuni ġew tradotti mill-qawwa Brittanika għall-ħtieġa lokali (Greenblatt 2010:7-14) u introdotti gradwalment qabel is-sittinijiet bħala suġġetti kumplementari għall-istatwarju (Gauci 2003: 94, 141) – is-snin tal-Indipendenza – il-parteċipazzjoni ta' figuri ħajja, bħal, ngħidu aħna, s-suldat Ruman Lonġinu fil-purċissjoni ta' Ħal Qormi, tmur lura qabel l-għoxrinijiet (Bonnici 1998: 144: Kittieba 1992: 119, 130), snin sinjifikattivi għall-ilsien Malti u għall-politika Maltija waqt li Malta kienet kolonja Ingliża.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Maltin qabel ma ġew il-Franċiżi ma kinux kolonja maħkuma, imma parti mir-renju ta' Sqallija. Is-suldati Rumani, ċenturjuni, kontinġenti ta' kavlerija u infanterija, omnipreżenti fil-purċissjoni (Borg 1986: 16, 22, 36; Mifsud Chircop 2007: 17; Schembri 1969: 17, 18, 20, 21, 28), anzi din ta' Ħaż-Żebbuġ tibda b'kontinġent sħiħ, tippreżenta diskors ieħor. Dan hu s-sinjifikat simboliku tal-qawwa tal-fidi fuq is-setgħa megħluba tal-"oħrajn", is-setgħa ta' Ruma mqabbla ma' dik tal-Imperu Ingliż, jew qawwiet oħra li riedu jikkontrollaw il-priża tagħhom, iż-żewġ imperi aġenti tat-tbatija li jsofri poplu maħkum. Is-suldati Rumani jidhru wkoll fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Filippini. Din l-identifikazzjoni ta' ħakkiem ma' ieħor matul iż-żmien u fl-ispazju tidher ukoll fl-identifikazzjoni ta' vittma ma' ieħor iktar qrib żminijietna. Ngħidu aħna, il-każ ta' xi wħud min-naħat tal-Kottonera, l-iżjed mill-Birgu, li jitolbu fuq il-qabar tal-baħri Irlandiż kattoliku Sweeney għall-interċessjoni tiegħu. Dan kien ġie mgħoddi qorti marzjali u mgħallaq fil-Port il-Kbir fl-ewwel snin tal-Ingliżi.

Dan hu mod kulturali kif tegħleb il-*malaise* tal-ikkolonjalizzat b'turija ta' qawwa jew l-għajnuna tas-Sema. Dan is-sens ta' protesta fil-ħamsinijiet u fis-sittinijiet kien jidher permezz tal-kartelluni mdendlin mal-każini bi kliem kontra l-Ingliżi, parti mill-memorja kollettiva. Fuq dawn il-figuri Rumani f'purċissjoni reliġjuża, ukoll fis-sebgħinijiet u wara, li kienu mod sovversiv ta' reżistenza, insaqsu jekk kienx sforz żgħir li wasal tard, jew inkella biex nieħu kliem il-Prof. Mark Anthony Falzon (Università ta' Malta 2014) xhieda tal-kapaċità tal-ispirtu Malti li jirkupra mill-avversità u daqqa ta' ħarta lill-barranin li jiddubitaw minnu. Inkella, il-preżenza simbolika tas-suldati Rumani setgħet kisbet sinifikat ġdid ta' twissija lill-Maltin biex jgħożżu l-indipendenza li kien għadhom kemm kisbu. Il-funzjoni ta' dawn il-figuri hija wkoll didattika/allegorika f'li l-Imperu Ruman – li kien aġent

tat-tbatija tal-Insara – waqa’, bħalma jiġri lill-imperi kollha, fil-waqt li l-Kristjaneżmu sar waħda mit-tliet reliġjonijiet il-kbar li ħarġu mill-Mediterran u nfirex mad-dinja.

**Il-Vara l-Kbira, il-Brajbu u l-Vrajs tal-Maddalena**

F’ħafna mill-purċissjonijiet, il-Vara l-Kbira li jkun fiha Kristu msallab, il-Madonna, San Ġwann u l-Maddalena hi s-seba’ waħda, jew iżjed f’purċissjonijiet itwal. Hija l-iktar vara prestiġjuża u l-kontroll tal-parteċipazzjoni fiha jipprova jinżamm mir-reffiegħa. Għalkemm mas-snin saru vari ikbar, din xorta għadha magħrufa bħala l-Vara l-Kbira, għax huwa s-sinjifikat tal-klajmaks li jgħodd, aqwa mill-Monument u aqwa mid-Duluri li jiġu warajha. Wara din il-vara, f’reazzjoni subkonxja, parteċipanti attivi fil-purċissjoni, bħal dawk li jkunu qed iwettqu wegħda – li ma titwettaqx biss fil-purċissjoni tar-Redentur jew tad-Duluri – wara li jkunu qalgħu l-grazzja mitluba, tarahom bi sforz iħaffu l-pass huma u jgħidu l-aħħar talbiet u folol żgħar ta’ spettaturi tarahom lesti biex jitilqu lejn id-dar, anki jekk il-purċissjoni ma tkunx għadha daħlet kollha fil-knisja. Minn tfuliti dejjem niftakar il-kumment tan-nies wara li tgħaddi l-Vara l-Kbira mill-pjazza tal-Mosta “Lesta!”, u mhux fl-aħħar tal-purċissjoni. Kemm joqogħdu attenti li s-salib ma jaħbatx ma’ fuq tal-bieb tal-knisja u jitilqu.



Hawn, ta’ min isemmi versi reliġjużi folkloristiċi Maltin antiki, fost ħafna oħrajn, marbuta mat-twemmin popolari reliġjuż kif ukoll ma’ dan il-mument tal-figuri fil-Vara l-Kbira: il-Brajbu (Cassar Pullicino: 110-111) u l-Vrajs tal-Maddalena (Cassar Pullicino: 86-90). Id-djalogu bejn il-Madonna u Kristu fil-Brajbu rripetut għal ħames darbiet f’ġieh il-ħames pjagi ta’ Sidna Ġesù Kristu, li huma l-flaġellazzjoni, il-kuruna tax-xewk, l-imsiemer fl-idejn u s-saqajn u l-kustat minfud, għalkemm popolarment ma jissemmewx l-ewwel tnejn imma jingħaddu l-imsiemer kollha. Dan in-numru ħamsa, fejn tidħol it-tbatija fiżika jew psikoloġika, bi skop redentiv, jista’ jkun li influwenza l-istruttura tad-djalogu f’forom oħra ta’ narrattiva popolari, bħas-sitt ballati popolari Maltin bikrin, matul tliet mitt sena.

Fil-Brajbu Kristu jgħid lil ommu għal ħames darbiet, simbolu tal-Ħames Pjagi, *“Ommi, sa nisħethom!”* għal min ġiegħlu jsofri, il-Lhud, imma hi kull darba tgħidlu *“Ibni, tisħethomx,”* u tagħtih ħames raġunijiet differenti għala le: *“... Imħabba t-tlieta u tletin sena li rabbejtek ... Imħabba l-ħalib li tajtek ... Imħabba*

*l-festa li twelidt fiha ... Imħabba l-ħamiem li tgħammidt fih ... Imħabba l-Brajbu li qed ngħidlek."* Dawn l-influwenzi iktar nifhmuhom meta nikkunsidraw il-mod tal-ħsieb fl-antik, fejn kollox kien idur madwar ir-reliġjon, is-sagrifiċċju, it-talb, it-tpattija għad-dnubiet, is-sawm, il-wegħdi, il-fidi, l-gratitudni u t-tħejjija għall-mewt.

Id-dehra tal-Maddalena fil-Vara l-Kbira tvarja minn statwarju għall-ieħor. Madankollu dejjem jidher in-niket kbir ta' din il-figura għall-passjoni ta' Kristu. Jidher ukoll ix-xagħar twil tagħha waqt li tkun mixħuta f'riġlejn Kristu Msallab, kif nafuh fl-arti. Jista' jkun li l-motif tax-xagħar twil fl-istatwarju twaħħad ma' dak tal-mara l-midinba (Mattew 26: 6-13, 27, 45-46; Mark 14: 3, 15; Ġwann 4, 8, 19, 28-30, Luqa 7:36, 23, 44-49) li skont xi wħud hija l-Maddalena.

L-idea popolari tal-funzjoni ta' xagħar il-Maddalena, bl-assoċjazzjoni li mesħet bih riġlejn Kristu li tkun dilket bil-fwieħa, skont ma Kristu semma fil-vanġeli – tmur lura għall-ikla f'Betanja (Ġwann, 11, 12). Luqa 7: 36, Mattew 26: 6-13 u Mark 14: 3-9 isemmu l-episodju tal-mara l-midinba mingħajr referenza għal funzjoni ta' xagħarha. Jgħidilna Mons. Pietru Pawl Saydon, it-traduttur tal-Vanġelu bil-Malti, li ma nistgħux ngħidu kinitx il-mara l-midinba li jsemmi San Luqa (7, 36-50, p. 164, nota 36-50); Saydon iżid f'p. 255, nota 11, 1-2 li x'aktarx ma kinitx il-midinba imma Marija Maddalena).

Marija ta' Magdala, jew il-Maddalena, hija waħda mit-tliet Marijiet, flimkien ma' Marija ta' Kleofa u Marija omm Ġakbu, li jissoktaw il-leġġenda tal-vjaġġ tal-Maddalena għal Provenza, Franza. Hija l-istess Marija jgħidulha l-Madliena li minnha Ġesu ħareġ seba' xjaten (Mark 16: 9, Luqa, 8: 2). Jekk wieħed jinterpreta s-seba' xjaten bħala dnubiet, allura jista' jkun hemm rabta bejn min setgħet kienet il-Maddalena qabel ma Kristu keċċa minnha x-xjaten u l-Maddalena mitfugħa f'riġlejn Kristu taħt is-salib. Kienet l-ewwel waħda li dehrilha Kristu wara li qam mill-mewt (Peresso 2014: 73-97).

Bla isem tibqa' f'"Waħda biss" tal-poeżija ta' Dun Karm Psaila:

*Waħda biss,waħda*
*li kienet il-mara tad-dnub,*
*li ħabbet, li xehret,li nħafret,*
*wennsitu lil dak il-Mislub*
*sal-aħħar, sat-tmiem,*

*u f'niket bla kliem,*
*imgħannqa mal-għuda mifdija,*
*fuq ir-riġlejn tal-Mejjet*
*aktar mill-balzmu jfuħ*
*xerrdet qalbha fi dmugħ.*

li l-poeta ddedika lil Rużar Briffa, li kiteb il-poeżija *Wieħed Biss* u tibqa' bla isem ukoll il-mara l-midinba fil-poeżija ta' Rużar Briffa, li Kristu ħafrilha dnubietha u ta' dan:

*tkexkxet il-kotra miġmugħa fil-qrib,*
*u ħolmot għal Wieħed il-mewt fuq Salib.*

Permezz tal-mobbiltà kulturali Dun Karm jittraduċi l-figura tal-mara taż-żina f'dik tal-Maddalena kif nafuha fil-Vara l-Kbira, ħaġa li Rużar Briffa ma kienx semma.

In-niket tal-Maddalena jgħinna nifhmu l-penitenza estrema li tesperjenza, skont il-Vrajs. Fil-leġġenda f'versi fil-vrajs li kien ġabar Ġużè Cassar Pullicino minn Malta u minn Għawdex, il-Maddalena li fil-vanġeli u fil-Vrajs titħawwad ma' Marija oħt Lażżru u Marta (li fuq il-vjaġġi tagħha nħolqot leġġenda li mmansat dragun, bħal San Ġorġ u t-tfajla li salva, iż-żewġ qaddisin biex jaqdu l-missjoni tagħhom u jxerrdu l-Kristjaneżmu). Il-Vrajs juri li qabel iltaqgħet ma' Kristu l-Maddalena kienet sinjura imma  għaliH tabbanduna kollox: *"... kissret id-deheb minn tagħha;/ biċċa għamltu fil-kejla/ biċċa tatu lill-fqajrin/ Marret iddur mad-dinja/ ... Tiekol il-ħaxix aħdar/ Tixrob l-ilma tal-għejjun./ Kif qatgħetha dik xuxitha!/ Kif kissrithom dawk l-imxat!"* taqbila magħmula minn elementi varji, inklużi motivi mill-ħrafa Maltija. Wara l-mewt u l-qawmien ta' Kristu, li mhumiex imsemmija fil-Vrajs, il-Maddalena tingħata mill-anġlu penitenza għal seba' snin billi ssum, tiekol mill-ħaxix tat-trejjaq, tixrob l-ilma tal-għadajjar, torqod fuq żraġen/tiben u tagħmel kantun flok imħadda. Dawn il-penitenzi redentivi huma s-simbolu tal-ħames pjagi, waqt li l-Maddalena tkun ħarġet ixxandar il-kelma ta' Kristu f'pajjiżi bogħod, imwennsa biss min-natura selvaġġa. Wara l-ewwel seba' snin tkun tixtieq il-ħajja l-antika u l-anġlu jagħtiha penitenza ta' seba' snin oħra. Il-leġġenda tal-Maddalena flimkien mat-tagħrif fuqha fil-vanġeli twaħħdu flimkien biex ispiraw xogħlijiet artistiċi matul is-sekli.

## Il-konklużjoni



Il-jiem li jwasslu għall-Ġimgħa l-Kbira huma esperjenza organizzata li suppost twassal għall-klajmaks tal-Qawmien mill-Mewt  ta' Kristu skont ir-riformi tal-Konċilju Vatikan. Madankollu, skont il-kattoliċeżmu popolari Malti dan il-klajmaks  dam is-snin jintlaħaq fil-Ġimgħa l-Kbira. Is-sehem attwali  esperjenzjali tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fir-ritwali ta' qabel il-Konċilju Vatikan kien jippredomina fuq ir-Ritwal ta' Ħadd il-Għid. Kien Kristu msallab li jirbaħ il-post ċentrali ta' qima. Il-Ġimgħa l-Kbira fil-konxjetà kollettiva hija eqreb għall-emozzjonijiet tal-poplu minn kwalunkwe festa oħra (forsi bl-eċċezzjoni ta' xi festa titulari fl-ibliet u fl-irħula). Konxji tal-problemi personali tagħhom, il-parteċipanti u l-ispettaturi

jidentifikaw mat-tbatija ta' Kristu. Il-kwalità ta' kattoliċeżmu popolari Malti jindika li l-gosti popolari tal-pubbliku, parteċipanti attivi u spettaturi passivi, għandhom jintlaħqu.

Paradossalment, quddiem il-vara tar-Redentur/L-Imgħobbi, membri tal-Boy Scouts – simbolu tal-Imperu Ingliż jekk qatt kien hemm wieħed, ambivalenti (Bhabha 2004: 145ff, 311; Kennedy 2000: 135-137; Mitchell 2002: 1-33) la ġie assimilat fix-xena Maltija – ilhom l-għaxriet tas-snin idoqqu l-bjugil waqt li l-fifri u t-tamburlini jindaqqu quddiem il-vara tal-Ort (Kittieba 1992: 123; Borg 1986: 8, 41), bis-sehem tal-Girl Guides ukoll, minflok ma jindaqqu strumenti popolari Maltin bħal dari, għalkemm f'xi lokalitajiet dawn reġgħu tqajmu. Hawnhekk nerġgħu naraw parallelliżmu mat-tgħalliq tal-kriminali.

L-istatwa tar-Redentur tieqaf f'kull salib it-toroq tal-Belt, istess bħalma kienu jingħataw is-swat f'kull salib it-toroq l-ikkundannati fi triqithom għall-forka u bħalma kien jinstema' ż-żarżir kull għaxar sekondi minn qarn ta' barri biex iħabbar l-eżekuzzjoni imminenti tal-ikkundannati (Zammit 2016: 407). Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-avukat Herbert Ganado, awtur, politiku u editur, li kien ġie lura mis-snin tal-internament mill-Ingliżi fl-Afrika, qassar din il-forza emottiva tal-istennija fi ftit kliem. Dan permezz tal-esperjenza tiegħu ta' strument mużikali wieħed, il-bjugil, li kif għedna ġie assimilat fix-xena Maltija, quddiem ir-Redentur, u jġegħelna naħsbu, b'dan il-kliem: *Għal għarrieda dik it-trumbetta, b'dawk in-noti li, ta' kull sena tismagħhom, preċiżi bħas-sena ta' qabel, bħal tqanqlek u ssammrek* (Ganado 1984: 269). U hekk sal-lum.

**Bibliografija:**

Aquilina, Ġorġ. 1986. *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt. Tagħrif Storiku dwar il-Kurċifiss Mirakoluż.* Malta: Edizzjoni Tau.

Awturi, L-. 1999. *Il-Poeżija Maltija*, b'daħla ta' Oliver Friggieri,prod.Toni Cortis. Malta: Malta University Publishers Ltd.,Gutenberg Press, Gudja: 149.

Bhabha, Homi K. 2004. *The Location of Culture*. Abingdon: Routledge Classics. (Routledge 1994).

Boissevain, Jeremy. 1984. Ritual Escalation in Malta. *Religion, Power and Protest in Local Communities*. Ed. Wolf, Eric R. New York: Mouton: 163-183.

____ 1991. Ritual, Play and Identity. *Journal of Mediterranean Studies* I, 1, Malta: University of Malta: 87-100.

____ 1996. Ritual Tourism and Cultural Commoditization in Malta. In *The Tourist Image.* Ed. Selwyn, Tom. UK: John Wiley & Sons Ltd.: 105-120.

____ 2006. Changing Aspects of Parish Rituals in Malta. *Proceedings of the First International Conference of the SIEF Working Group on The Ritual Year* [*The Ritual Year 1*], ed. George Mifsud-Chircop. Malta: Publishers Enterprises Group (PEG), San Ġwann: 23-32.

Bonnici, Brian. 1998. *Il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta, l-Istorja, it-Tradizzjoni u l-Folklor*. Malta: SKS, Sensiela Kotba Soċjalisti, Id-Dipartiment tat-Tagħrif, Partit Laburista, Marsa Press: 52-67.

____ 1999. *Dell is-Salib fil-gżejjer Maltin*. Malta: SKS, Sensiela Kotba Soċjalisti, Id-Dipartiment tat-Tagħrif, Partit Laburista, Marsa Press.

Borg, Joe. 1986. *Good Friday Procession Mosta*. Malta: Mosta Parish.

Carabott, Rev. Mons. Joe. 2014. Personal communication.

Cardona, Rev. Daniel (Ħaż-Żebbuġ archpriest).2017. Personal communication.

Cassar Pullicino, G. 1950."La Maddalena in una leggenda maltese", *Lares*, Anno XVI: 177-182.

____ 1956. “La Settimana Santa a Malta”, *Phoenix*, Anno 2, N. 1-2. Bari: Arti Grafiche Milillo.
____ 1989. “La Maddalena in una leggenda maltese”, *Studi di Tradizioni Popolari Maltesi*. Malta: University of Malta: 86-90.
____ 1989. “Canti della Passione nelle isole maltesi”, *Studi di Tradizioni Popolari Maltesi*. Malta: University of Malta: 110-111.
Cumbo, Giuseppe. 1927. *Il-Ġurijiet Kapitali li saru fi żmien l-Ingliżi*. Malta.
Falzon, Mark Anthony. 2014. Oration on the conferment of the degree of Doctor of Literature on Prof. Jeremy Boissevain by the University of Malta.
Foucault, Michel. 1977. *Discipline and Punish, the Birth of the Prison.* London: Penguin Books Limited: 3-69.
Ganado, Herbert. 1984. *Jien inħobb nitkellem magħkom* I. Malta: Maxprint Limited,Marsa.
Gauci, Gregory. 2003. *Good Friday Processions of Malta and Gozo*. Gozo: Qala.
Greenblatt, Stephen. 2010. *Cultural Mobility A Manifesto*. Cambridge: Cambridge University Press.
Grima, Joseph F. 2003. *Holy Week Processions at St George’s Parish, Qormi.* Malta: Qormi Good Friday Committee.
____ 2006. The Development of the Holy Week Processions at Qormi, Malta. In *Proceedings of the First International Conference of the SIEF Working Group on The Ritual Year* [*The Ritual Year 1*], ed. George Mifsud-Chircop. San Gwann, Malta: Publishers Enterprises Group (PEG): 88-102.
Kennedy, Valerie. 2000. Said and Post-Colonial Studies. In *Edward Said.* Cambridge: Polity Press: 111-146.
Mangion, S., Magro, C. 2010. *Karlu Darmanin – Ħajtu u Ħidmietu.* Malta: Xirka L-Isem Imqaddes t’Alla.
Mifsud Chircop, Ġorġ. 2003. *Il-Folklor Malti.* 2 vols. Malta: PIN.
____ 2004. Holy Week Rituals in Contemporary Malta. In *Calendar, Customs and Feasts,* University of Glasgow Conference, 26-28 March 2004. Folklore Society (London).
____ (ed.). 2007. (local SMART project co-ordinator and text translator, Il-Knisja Arċipretali tal-Mosta with Ragusa, Sicily), *Kiffu/X’Ġara.* Malta: Il-Kunsill Lokali tal-Mosta.
Mifsud Chircop, Marlene. 2015. “Good Friday Processions on Contemporary Malta”, *The Ritual Year 10, SIEF*, Tatiana Minniyakhmetova, Velkoborska Kamila (ed.) Innsbruck: ELM Scholarly Press, Tartu: 110-120.
Mitchell, Jon P. 1997. A moment with Christ. *The Journal of the Royal Anthropological Institute,* March, London: 79-94.
____ 2002. *Ambivalent Europeans*. London: Routledge.
Mizzi, Joseph. 1992. “F’Ħaż-Żebbuġ”, *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f’Malta u Għawdex*. Awturi Diversi. Malta: PIN Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Stamperija Indipendenza, Il-Pietà: 89-106.
Muraca, Giovanni Orlando. 2005. “Scourging Rituals in Southern Italy” in *First International Conference of the SIEF working group on The Ritual Year, Proceedings*, George Mifsud Chircop (ed.) Malta: Publishers Enterprises Group: 420-425.
Peresso, Ġorġ. 2014. *Il-Mara ta’ dlielha twil*. Malta: Horizons: 73-97.
Psaila, Dun Karm. 1967. *Antoloġija*. A.C. Aquilina (ed.) Malta: Empire Press, Floriana: 38.
Psaila, Mikiel. b.d. *Il-Ġifen Tork jew il-Wegħda għall-Mellieħa*. Malta: Tip 28 Strada Cristoforo, il-Belt.
Riolo, Mario. 2014. Personal communication.
Saydon, Pietru Pawl. 1977. *Bibbja, It-Testment il-Ġdid.* Malta: Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M., Veritas Press, Żabbar.
Schembri, Joachim. 1969. *Good Friday Procession at Qormi*. Malta: St George Parish Church, Qormi.
*Times of Malta.* 2014. Walking in the footsteps of his father and grandfather. 15-04-2014: 7.
*Times of Malta*. 2014. (Mġarr) Parishioners ignore Curia on Procession. 16-04-2014.
Turner, Victor. 1969. *The Ritual Process, Structure and Anti-structure.* Chicago: Aldine Publishing Co.
____ 1974. Pilgrimage and Communitas, *Studia Missionalia*, 23: 306-327.
Vanġeli
Vassallo, Ġananton. 1975. *Il-Ġifen Tork*. Malta: Klabb Kotba Maltin.
Zammit, William. 2016. *Kissing the Gallows*, *A cultural History of Crime, Torture and Punishment in Malta, 1600-1798.* Malta: BDL Publishing, Book Distributors Limited.

## **“Il-Leġġenda tax-Xewk u l-fjuri tal-Passjoni”**

miktuba minn William Camilleri*

‘Jien se nsallab lis-Sultan tagħkom!’

Iżda l-ġemgħa iktar bdiet għajjat: ‘Sallbu, Sallbu!’

Il-qagħda li kien qiegħed fiha Kristu kienet tassew iġġiblek ħniena. Fuq ġismu kellu biċċa drapp mixħuta bl-addoċċ fuqu, b’sidru barra kollu dmija u fuq rasu kuruna tax-xewk ippuntat. Kienu ġabuh minn fuq waħda mill-arkati li hemm taħt l-istess bini.

Għalhekk meta Pilatu ra lin-nies ma tridx iċċedi, aktar u aktar meta heddewh li jiksirha ma’ Ċesri, ta lin-Nazzarenu f’idejn in-nies biex jaqtgħu xewqithom billi jaħslu idejhom b’demmu.

Is-suldati Rumani kienu ilhom li lestewh dak is-salib kbir u goff, kien jonqsu biss li jiġi merfugħ u mwassal fil-post ħalli hemm hekk isir ħaġa waħda ma’ ġisem kollu dmija u għaraq; fuq dan is-salib goff Kristu kellu jieħu l-aħħar nifsijiet tiegħu.

Wara li s-salib inqata’ mill-art u nofs l-għuda orizzontali inqabdet minn par idejn goffi, bdiet il-mixja qalb ħafna ġebel u xewk li kien hemm fit-triq imħarbta ta’ dak il-post. Ix-xewk mat-triq ma kienx biżżejjed, kien hemm ukoll xewk ma’ ras il-vittma li ma’ kull skoss beda jofroq ix-xagħar u jidħol fir-ras.

In-nies preżenti kellhom xalata dak il-ħin; bdew jgħaddu ż-żmien bih hu u għaddej minn quddiemhom. Kien hemm min saħansitra garalu l-ġebel f’sidru u f’saqajh biex isibha bi tqila jkompli t-triq, iżda kien hemm oħrajn li tħassruh meta rawh f’dik is-sura tant li kienu bdew jibkuh, iżda dik il-persuna li kienet mgħobbija bis-salib rathom u qaltilhom biex ma jibkux lilu iżda lilhom stess u lil uliedhom. Aktar ma l-ħin beda jgħaddi, aktar inġabru nies biex jaraw l-ikkundannat tiela’ għall-mewt. Tant kien kbir in-numru tan-nies preżenti li s-suldati kellhom iżommuhom bil-forza, iżda ma rnexxilhomx iżommu lil kulħadd.

Dik li skappat minn taħt idejn is-suldati kienet mara li baqgħet sejra dritt fuq Kristu u bil-velu tagħha stess mesħet wiċċu mid-demm, bżieq u tajn li kien imwaħħal miegħu. Iżda dik ix-xebba qsajra li kienet tgħodd il-ħamsin sena baqgħet b’ħalqha miftuħ mhux ftit meta mal-velu rat stampat qisu ritratt ta’ dak il-wiċċ imsejken hu u jħares lejha bi tbissima ta’ ħajr. It-triq li tagħti għall-għolja li kienet magħrufa bħala l-post fejn isallbu lill-priġunieri kienet iebsa mhux ħażin, aktar u aktar għal dik il-vittma mgħobbija bil-għuda. Biex tkompli tagħqad, ix-xemx kienet fl-aqwa tagħha, għaliex dik kienet il-ħdax-il siegħa tal-ġurnata. Ġieli kienu s-suldati stess li għenuh iqum mill-art, wara li jkun waqa’ u ma jkollux saħħa biex jerġa’ jqum fuq saqajh. Il-libsa tan-Nazzarenu kienet kollha mqattgħa u mċarrta kemm bil-waqgħat kif ukoll bis-swat li bih ippruvaw jgħaġġlu l-pass tar-raġel maħsul bid-demm. Kienu kważi waslu lejn l-għolja meta Kristu waqa’ għal tulu fl-art ħdejn ġebla kbira u ma setax iqum; kien stordut, kemm bil-għeja li kellu, kif ukoll bit-tisbita li kien ħa mal-ġebla l-kbira. Mal-ġemgħa kien hemm tifel żgħir li tħassru tgħidx kemm meta rah hekk; għalhekk mar jiġri ħdejn nixxiegħa żgħira li kienet viċin u ġabar ftit ilma kif seta’. Kien biżżejjed għan-Nazzarenu biex iqum mit-telfa tiegħu.

* Din il-kitba ipprovdihielna l-Kav Joe M Attard

Darba meta Kristu kien qed jgħallem lill-ġemgħa miġbura, ġiet omm li kellha t-tifel tagħha marid sewwa u b'fidi kbira marret fejn kien Kristu għaliex kienet temmen illi lil binha seta' jfejqu. Kristu ħares lejh u kien biżżejjed għat-tifel, għaliex fieq u niżel minn fuq ommu. Kien dak l-istess tifel illi waqt li n-Nazzarenu kien mitluf minn sensih, għamel dik l-azzjoni ta' mħabba u ringrazzjament.
Il-kuruna tax-xewk waqgħet minn fuq rasu wara li kienet qattgħetlu moħħu kollu. Dak il-ħin ġiet Omm Kristu, Marija, mara twajba u kwieta, li marret biss tkellem lil binha, iżda s-suldati ma riedu bl-ebda mod li jħalluha tieqaf miegħu. Mit-triq kien għaddej bidwi li kien sejjer lura lejn daru mill-għalqa biex jiekol, iżda meta ra lil Kristu f'dik is-sura, tħassru, għaliex kien jaf x'raġel kien, għalhekk komplielu l-biċċa tat-triq bis-salib huwa stess.
Hemmhekk fuq dik il-għolja kien hemm xena li ġġiblek ħniena. In-Nazzarenu li tant kien għamel ġid kien imsallab. Imsallbin miegħu kien hemm tnejn oħra, iżda n-nies iktar kellha għajnejha fuq Kristu, jisimgħuh jitkellem b'dak in-nifs tqil li kien qiegħed jispiċċa. Huwa kien hemmhekk merfugħ bejn sema u art bħas-serp tal-bronż li kellu Mose' u li kull min kien iħares lejh kien ifiq. Taħt is-salib ta' Kristu kien hemm ommu u oħrajn jafuh mill-qrib, ilkoll minsuba hemm iħarsu mbikkma lejh. Iżda fil-ħmistax-il siegħa tal-ġurnata ta l-aħħar nifs u ntelaq fuq l-imsiemer u l-ħbula li kienu qegħdin iżommuh. Dawk is-swat kollha ma kenux biżżejjed. Meta raw li kien diġa mejjet is-suldati ma kissrulux saqajh bħall-oħrajn, iżda b'lanza xi ħadd fetaħlu sidru u minnu ħareġ demm u ilma.
Wara li niżżluh minn fuq is-salib, poġġewh fuq ommu li bdiet tħares lejh u lejn id-daqqiet immarkati fuqu. Bdiet iġġib quddiem għajnejha meta kien għadu d-dar magħha, u issa n-nies stess li fejjaq qamu kontrieh u baqgħu sakemm rawh mitluq u mejjet fuq għuda. Wara ħadu lil dak il-ġisem mejjet f'qabar ġdid, u li ma kienx 'l bogħod mill-għolja, u difnuh. Dan il-qabar kien ta' ċertu wieħed jismu Ġużeppi li kien ħabib kbir ta' Ġesú. Wara d-difna kollha nġabru f'darhom minbarra Gwanni u Marija li bdew mexjn bil-mod sabiex Gwanni jeħodha lura f'daru.
Iżda f'daqqa waħda Gwanni waqaf ħesrem. Ma riedx jemmen lil għajnejh b'dak li kien qiegħed jara, u baqa' skantat mingħajr ma lissen kelma waħda. Hemmhekk, ħdejn dik il-ġebla l-kbira fejn Kristu kien waqa' għall-aħħar darba u storda, kienet kibret siġra tax-xewk miż-żerriegħa li waqgħet mill-kuruna fuq ras Kristu. Eżatt mix-xewk ixxebilket siġra li tagħmel fjuri vjola u li fuq ġewwa tagħmel forma ta' msiemer u martell.
Dik is-siġra tax-xewk u dik is-siġra bil-fjuri tal-passjoni għadhom hemm sallum. Wara elfejn sena jinsabu mxerrdin mad-dinja kollha ifakkru f'din l-istess storja. Din il-pjanta għadha sallum tissejjaħ Il-Fjur tal-Passjoni.

## Ħsieb tal-għeluq mill-Kav. Joe M. Attard

Nirreferikom għall-poeżiji '**Tislima lil Kristu Sidna'** ta' Oliver Friġġieri u s-sunett ta' Charles Coleiro **'Nhar il-Ġimgħa l-Kbira**' li dehru f'paġni 19 u 15 rispettivament. Minn dan kollu li ktibna naraw li l-ġrajjiet ewlenin fil-ħajja ta' Sidna Ġesú Kristu għadhom imfakkrin sew għalkemm għaddew u tgerbu 'l fuq minn elfejn sena. Dawn it-tifkiriet ta'

(... ikompli f'paġna 44)

# L-Aħħar Ċena ta' Vincent Van Gogh?

## *It-terrazza tal-Kafé bil-Lejl* (1888)



Skont ir-riċerkatur tal-arti Jared Baxter, din il-pittura ta' Vincent Van Gogh hija speċi ta' rappreżentazzjoni ta' l-Aħħar Ċena. L-aktar figura prominenti hija seftur li jinsab imdawwar bi tnax min-nies. Wara l-figura tas-seftur jidher salib, bħal moħbi fil-forma ta' bieb. Jekk niftakru li Kristu nnifsu kien għadu kemm ħasel saqajn l-appostli qabel iċ-ċena u kien ukoll qalilhom li l-akbar fosthom kellu jservi lill-oħrajn, allura nifhmu aħjar is-simboliżmu f'din il-pittura.

# Il-Banda San Filep fil-Purċissjonijiet ta' Kristu Rxoxt u tal-Ġimgħa l-Kbira







Fuq: Il-Banda San Filep fil-purċissjoni tal-Irxoxt tal-2018.

Isfel: Il-Banda San Filep fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira 2017.

Din is-sena Il-Banda San Filep tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

(... ikompli minn paġna 41)
kull sena għadhom mistennija bħala parti mportanti mill-mixja tas-sena.  L-aqwa tifkira fosthom hi tal-qawmien mill-mewt  tal-Imgħallem Divin.  L-oħrajn huma festi kbar u sbieħ u lkoll għandhom tifsira mportanti ħafna għal min jemmen.  Iżda l-Għid il-Kbir huwa tassew l-aqwa għaliex kollox hu marbut miegħu. Bħalma jgħid San Pawl:  Kieku Kristu ma qamx mill-mewt, il-fidi tagħna ma kienet tiswa xejn.

Kristu twieled fid-dinja, għex u bata u mbagħad miet. Iżda qabel ma miet, wiegħed lill-kotra li fi tlett ijiem kellu jqum mill-ġdid.  U nafu li hekk ġara, b'għaġeb ta' kulħadd.  Minn din ir-rebħa fuq il-mewt, titnissel it-tama lkoll, bħala bnedmin, li għad inqumu bħal aħwa madwar Missier wieħed.  Minn hawn ġej il-ferħ tan-nisrani,  il-konvinzjoni tiegħu, li t-tbatijiet ta' issa fuq din l-art, għad iridu jitbiddlu f'ferħ.

Kif jistqarr Victor Fenech, dan il-Għid il-Kbir in-nisrani jgħixu kuljum billi jistabar, jaħfer, jittollera, ma jpattihiex, ma jaqtax qalbu, anzi jittama u jara kollox fid-dawl  ta' dejjem, il-ħajja mqajma mingħajr tmiem fejn il-mewt ma tkunx teżisti iktar.

Jekk  Miegħu nbatu, Miegħu nqumu!  Din hija x-xrara nar  li tħeġġeġ fil-qlub ta' miljuni  u miljuni kbar imxerrdin madwar id-dinja li għadhom jemmnu fil-wegħda ta' Kristu. Għaddew daqshekk snin u din il-wegħda baqgħet in-nifs tal-ħajja ta' ħafna bnedmin.



# *Programm tal-Ftuħ tal-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep

Ippresidew Dr Marthese Sciortino u Maria Zerafa

Bis-sehem tal-Banda Taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep
Taħt id-direzzjoni ta' l-Assistent surmast Mro Michael Ciantar

## L-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv**
- **Il-Banda Taż-Żgħażagħ**
  - Jupiter — Gustav Holst
    (Solo Kurunetta: - Francesco Musu)
  - Crosset Brook — Rob Grice
  - Marcia Funebre "A Miei Cari Genitori" - Michael Ciantar
- **Taħdita:** L-Art Imqaddsa — Philip Balzan
- **Il-Banda Taż-Żgħażagħ**
  - Gabriel's Oboe — Ennio Morricone
    (Solo Trumopet:- Elena Gatt)
  - "Duet Meditation" — S. Foldst
    (*Solo Ato Saxophone:- Alex Cordina, Curtis Casha)*
  - Marċ Funebru: - Remembrance — Garofalo
- **Diskors tal-Għeluq** — Dr Philip Sciortino,
  President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851
- **Inawgurazzjoni** — Dr Marthese Sciortino u Ms Maria Zerafa
  President Onorarja / l-*iżgħar membru fil-Kumitat Ġenerali*
- **Tberik tal-wirjiet** minn Fr. Philip Cutajar - *Direttur Spiritwali*

Compere: Graziella Attard

**Dan il-programm qiegħed jidher f'dan il-ktejjeb tal-2019 minħabba li l-ktejjeb tal-2018 ma kienx stampat.*

# Protagonisti fil-ftuħ tal-Wirja tal-2017







Fuq u lemin: l-istudjuża Marlene Mifsud Chircop u Graziella Attard, Josef Cachia, il-Ministru Helena Dalli u Dr Philip Sciortino.



Xellug u isfel: Mro Michael Ciantar jidderieġi l-banda u taħt: mistednin speċjali quddiem ix-xena tal-Golgota



Peress illi fl-2018 ma saritx publikazzjoni, dis-sena qed inġibu ritratti miċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-wirja tal-2017.


Uħud mill-vari żgħar fil-wirja

## Dawk li inawgurati l-Wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Każin Banda San Filep AD 1851

| | | |
|---|---|---|
| 1994 | Dr. Ugo Mifsud Bonnici | President tar-Repubblika |
| 1995 | Mons. Sebastian Laboa | Nunzju Apostoliku |
| 1996 | Mons. Annetto Depasquale | Vigarju Ġenerali |
| 1997 | Dr. John Attard Montalto | Ministru tal-Industrija |
| 1998 | M. Patrick Amiot | Ambaxxatur Franċis |
| 1999 | Dun Karm Gatt | Direttur Spiritwali tal-Każin |
| 2000 | Is-Sur  Anton Tabone | Speaker tal-Parlament |
| 2001 | L-Onor Dr Tonio Borg | Ministru tal-Intern |
| 2002 | Mr. Michael Macy | Rappr. Tal-Ambaxxatur Amerikan |
| 2003 | *ma saritx ċerimonja tal-ftuħ minħabba l-elezzjoni ġenerali* | |
| 2004 | M. Patrick Chrismant | Ambaxxatur Franċis |
| 2005 | Mons. Felix Blanco de Priete | Nunzju Apostoliku |
| 2006 | Mr Brian Bonnici | Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ |
| 2007 | Mrs Doreen Attard Montalto | Presidenta Onorarja tal-Każin |
| 2008 | Patri Luċjan Borg | Provinċjal tal-Agostinjani |
| 2009 | Mons Ġużeppi Mercieca | Isqof Emeritus ta' Malta |
| 2010 | Mons Karm Attard | eks-Kappillan tal-Qrendi |
| 011 | L-Onor Dolores Cristina | Ministru tal-Edukazzjoni |
| 2012 | Mons Ġwann Azzopardi | Kuratur tal-Mużew Wignacourt |
| 2013 | Profs. Oliver Friġġieri | Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Universita |
| 2014 | Is-Sur Alfred Grixti | Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ |
| 2015 | Mons Aldo Cavalli | Nunzju Apostoliku |
| 2016 | L-Onor Dr Godfrey Farrugia | Membru Parlamentari u President Onorarju |
| 2017 | L-Onor Elena Dalli | Ministru: Djalogu Soċjali, Konsumatur u Libertajiet Ċivili |
| 2018 | Dr Marthese Sciortino u Maria Zerafa | Membri tal-Kumitati Nisa u Żgħażagħ |